# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 2**

**Appell Ċivili Numru 1084/2007/1 JRM**

**Alexander Caruana**

***v.***

**Atlas Insurance PCC Ltd. (C – 5601)**

1. Dan huwa appell tas-soċjeta' konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Diċembru, 2015, li biha sabet illi l-*claim* li għamel l-attur mas-soċjeta' konvenuta dwar l-inċident li allegatament seħħ fis-26 t'Ottubru 2006 ġo Fisherman Street, Marsa, hija valida, tajba u konformi mal-obbligi kontrattwali tiegħu bħala assikurat u għalhekk ordnat lill-istess soċjeta' konvenuta sabiex tħallsu s-somma ta' sitta u għoxrin elf seba' mija u ħamsa u

sittin euro u erbatax-il ċenteżmu (€26,765.14) għad-danni li ġarrab fl-istess inċident.

2. Il-fatti li wasslu għall-każ tallum ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Illi bħala fatti rilevanti illi joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attur kien xtara vettura second hand tal-marka Mercedes Benz E300 bin-numru tar-reġistrazzjoni JBI 494. Il-vettura kienet ilha fuq it-triq minn April tal-1999. L-attur jgħid li xtara l-karozza mingħand wieħed Ġużi Formosa f'xi żmien fl-2006 u wettaq it-transfer tagħha fis-16 ta' Ġunju tal-2006, meta dak iż-żmien il-karozza kienet assikurata ma' Rausi Insurance. Fis-17 ta' April, 200612, il-kumpannija mħarrka aċċettat ir-rabta bħala 'underwriter' tal-istess, għall-ewwel taħt polza third party fire and theft, imbagħad, mis-16 ta' Mejju 2006 'l quddiem, taħt polza 'comprehensive'. Illi l-polza kienet tagħlaq fil-31 ta' Ottubru tal-istess sena. Nhar il-25 ta' Ottubru, 2006, tard fil-għaxija, l-attur wassal lil ibnu u l-ħabib tiegħu l-Marsa u, wara li qagħad magħhom għal xi ħin, fi triqtu lura lejn il-Belt waqt li kien għaddej minn Fisherman Street, l-attur jgħid illi ra vettura ġejja lejh mid-direzzjoni opposta, li ħarġet minn liwja, u misjuqa b'mod traskurat. Din il-vettura kellha dawl qawwi mixgħul u sabiex jevita illi jidħol ġo vettura li kienet ipparkjata mat-triq, ġibed mal-ġenb u l-vettura qabdet il-bankina, tkaxkret mal-ħajt u straħet ġo bieb tal-ħadid ta' remissa tal-lewn aħdar skur. L-attur jgħid illi x'ħin dawwar lejn il-ġenb, l-ewwel laqat il-quddiem tal-vettura tiegħu mal-ħajt, imbagħad in-naħa tal-lemin sakemm spiċċat ġol-bieb tar-remissa. Huwa kien waħdu meta ġara l-inċident. L-attur fiżikament ma weġġax, għalkemm kellu fuqu qatgħa kbira. Ftit minuti wara, ħarġu xi ġirien minn djarhom li semgħu l-ħoss tal-ħabta tal-karozza. Aktar tard fuq il-post waslu ibnu Yanis, il-ħabib ta' ibnu, u l-warden;
>
> »Illi l-warden jispjega illi l-isketch li ġie mħejji u mressaq fl-atti huwa indikattiv ta' dak li ra meta wasal fuq is-sit, għalkemm mhux skalat. Ikkonferma illi l-attur ma tahx spjegazzjoni tal-vettura li l-attur jgħid li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta u li minħabba fiha ġara li ġara. Ix-xhud stqarr illi l-art ma kinetx imxarrba, illi kien hemm xi oġġetti ma' l-art illi setgħu waqgħu mill-karozza tal-attur, iżda mhux ħġieġ. Marki tal-iskid ma sabx fuq is-sit, u t-triq kienet kariġġabbli miż-żewġ direzzjonijiet u mhux 'one way'. Il-vettura spiċċat man-naha l-oħra tad-direzzjoni illi l-attur jgħid li kienet sejra, u kellha ħsarat estensivi;
>
> »Illi iben l-attur, Yanis Caruana, jgħid illi l-vettura kienet fi stat tajjeb qabel ħabat biha missieru dakinhar, ħlief għal għafsa fuq in-naħa ta' wara, filwaqt illi d-danni fuq il-vettura seħħew ftit minuti wara illi l-attur telaq minn ħdejh meta wasslu u lil ħabibu l-Marsa. Bl-istess mod jixhed Neville Grech, li kien ma' iben l-attur meta marru fuq is-sit wara li ġara l-inċident. Ix-xhud jikkonferma illi huwa ra l-vettura diversi drabi qabel l-inċident u ċaħad li kellha daqqiet fuqha, filwaqt illi dik il-lejla stess meta rikeb il-vettura mill-Belt sal-Marsa, ma nnutax illi fuq il-vettura kien hemm xi daqqiet;

»Illi l-għada l-attur daħħal claim ma' Rausi Insurance u din irriferietha lis-soċjeta' imħarrka. F'Marzu tal-2007, l-attur qabbad persuna biex tagħmel survey fuq il-karozza maħbuta. Ittieħdu ritratti tal-vettura li kienet ittieħdet f'garage għand Kinds u mar anke fuq is-sit fejn ġara l-inċident u ġibed ritratti tal-hajt u tal-bieb li miegħu l-attur jgħid illi ħabat;

»Illi, min-naħa tagħha, il-kumpannija mħarrka wkoll qabbdet li jsir survey fuq il-karozza li kienet għand Kinds (Auto Sales Limited), l-għada li waslitilha t-talba tal-attur u nġibdu ritratti waqt l-eżami li sar fuq il-karozza. Ma sarx survey report. Is-soċjeta' mħarrka waslet għall-konklużjoni illi d-danni fuq il-vettura ma kinux jikkorrispondu ma' kif seħħ l-inċident kif mistqarr mill-attur. Osservat ukoll illi kien hemm xi parts nieqsa mill-karozza u li lanqas kienu jidhru fir-ritratti li ġibed il-warden. Fuq dawn l-ewwel konkluzjonijiet, is-soċjeta' konvenuta rrifjutat il-claim u għarrfet b'dan lill-attur;

»Illi s-soċjeta' konvenuta kienet ħatret ukoll espert forensiku biex jislet rapport dwar it-tħassib li kellha dwar it-talba tal-attur. Qabel ħejja r-rapport, kellem lill-attur u lill-warden. Fuq is-saħħa tal-fehmiet murija mill-imsemmi espert, is-soċjeta' konvenuta tfisser f'aktar dettal liema kienu d-diverġenzi illi hija kellha ma' l-attur fuq id-danni li tagħhom qed jitlob kumpens. Fost oħrajn, issemmi kif l-attur qed jitlob ħlas ta' żewġ fanali ('headlamps') meta frak ta' ħġieġ ma nstabx fuq is-sit; ir-ritratti jixhdu pilastru wieħed mill-bieb tal-maħżen illi kien inbidel filwaqt illi fuq il-kumplament tal-bieb jidher biss grif, u għaldaqstant mhux spjegabbli kif il-vettura tal-attur setgħet ġarrbet tant ħsarat fuq il-parti tal-quddiem tagħha; il-ħsarat fuq in-naħa tax-xellug juru illi l-vettura ħabtet ma' xi arblu jew oġġett simili, iżda fuq is-sit ma nstab ebda oġġett ta' din innatura; il-bankina fl-inħawi tal-post fejn ħabtet il-vettura kienet wisq baxxa biex tispjega kif ir-rota setgħet iċċartet b'riżultat tal-inċident; il-preżenza ta' ammont ta' sadid li ħareġ mill-pjanċa jindika illi l-karozza misjuqa mill-attur kienet imdaħħla f'xi inċident ieħor li seħħ ġimgħat jekk mhux xhur qabel; u li l-airbag tan-naħa tax-xellug (li nfetħet meta ġara l-każ) toħroġ biss meta jkun hemm passiggier riekeb fuq is-seat ta' quddiem, filwaqt illi l-attur jgħid illi kien wahdu fl-inċident;

»Illi meta l-attur ra li l-kumpannija assikuratriċi bdew jidħlulha dubji dwar it-talba tiegħu, qabbad espert tekniku ex parte (fuq parir tal-avukat tiegħu) biex jara l-karozza tiegħu. L-espert ra l-vettura fit-18 ta' Lulju, 2007, meta kienet tinsab mgħottija fit-triq qrib id-dar tal-attur, u ħalla r-rapport tiegħu fil-mori ta' din il-kawża, fl-għoxrin (20) ta' April, 2008. Fl-imsemmi rapport tiegħu, huwa jgħid fost l-oħrajn, li l-ħsara fuq il-vettura misjuqa mill-attur kienet taqbel mal-ħsara fuq il-bieb tar-remissa;

»Illi mill-kostatazzjonijiet tekniċi magħmula mill-espert mekkaniku mqabbad mill-Qorti, fisser il-kundizzjoni xejn tajba li tinstab fiha l-vettura llum u x'valur għandha fl-istat li hi. L-esperti teknici l-oħra straħu fuq dak li qalilhom l-attur, iżda sabu korrelazzjoni bejn il-ħsarat u dak li stqarr lilhom l-attur;

»Illi l-attur ippreżenta bħala prova riċevuta marbuta mad-danni illi ġarrab li jikkonsistu fi ħlas ta' parkeġġ tal-karozza għal diversi xhur mal-MCP Co. Ltd., ħlas lis-soċjeta' assikuratriċi tas-sid tal-maħżen, GasanMamo Insurance, għad-dannu illi garrab il-bieb bl-incident; ħlas

lill-espert ex parte għas-Survey Report tiegħu; u spejjeż u drittijiet marbuta man-nomina tal-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti;

»Illi fit-18 ta' Ottubru, 2007, l-attur fetaħ din il-kawża. Għal żmien wara l-inċident, l-attur ħalla l-karozza ipparkjata barra d-dar tiegħu fil-Belt u mbagħad daħħalha fil-parkeġġ ta' MCP fil-Floriana, wara li l-Pulizija widdbuh li sejrin ineħħuha minn hemm bi spejjeż għalih;»

3. Fir-rikors promotur tiegħu l-attur talab lill-qorti sabiex:

»1. Tiddikjara li d-danni kollha kaġunati fl-inċident stradali suriferit, li fih kienet involuta l-Mercedes Benz nru JBI 414 tar-rikorrent fil-Marsa fis-26 ta' Ottubru 2006 huma koperti bil-polza comprehensive maħruġa mis-soċjeta' konvenuta, u l-istess soċjeta' konvenuta għandha tagħmel tajjeb għalihom.

»ii. Tillikwida l-imsemmija danni fl-ammont ta' Lm8,107.89c jew somma oħra verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo permezz ta' periti nominandi.

»iii. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lir-rikorrent l-ammont hekk dikjarat bħala lilu dovut kif ingħad.

»Bl-ispejjes u bl-imgħax skond il-liġi mill-intavolar tal-preżenti proċeduri kontra s-soċjeta' konvenuta li hu minn issa nġunta għas-subizzjoni.«

4. Is-soċjeta' konvenuta ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

»1. Għalkemm is-soċjeta' intimata ma tikkontestax li l-vettura Mercedes Benz Nru. JBI 414 kienet assikurata magħha skond polza comprehensive, hija tikkontesta li r-rikorrent jista' jkollu "claim" valida, tajba u konformi mal-obbligi kontrattwali tiegħu bħala assikurat fosthom dak tal-"uberrima fides" stante li n-natura tal-ħsara li r-rikorrent isostni li ġarrab bħala konsegwenza tal-inċident awtomobilistiku de quo ma tistax tkun kompatibbli mal-fatti, ċirkostanzi u dinamika tal-inċident innifsu kif irriżulta lill-esponenti. Għaldaqstant il-pretensjoni tar-rikorrent kif dedotta hija kontestata. U sabiex ir-rikorrent isostni l-pretensjoni tiegħu fil-konfront tas-soċjeta' intimata, ir-rikorrent irid jagħmel il-prova sal-grad rikjest mil-liġi li l-ħsara li abbażi tagħha qed jippretendi l-indennizz kienet fattwalment, attwalment u realment konsegwenza tal-inċident li jallega li ġarrab.

»2. Fuq l-iskorta tal-fatti fil-pussess tagħha, l-esponenti tgħid (u hija fil-qagħda li tipprova) li ma għandha ebda obbligu ta' indennizz a favur tar-rikorrent a tenur tal-polza ta' assikurazzjoni de quo.

»3. Għalhekk fejn jirrigwarda s-soċjeta' intimata ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrent. Bla preġudizzju għall-premess u fi kwalunkwe każ, il-quantum tad-danni allegatament subiti mir-rikorrent huwa kontestat u għaldaqstant għandu jiġi pruvat skond il-liġi.

»4. Isegwi li ma hemmx lok għall-kundanna tas-soċjeta' intimata għall-ħlas ta' danni favur ir-rikorrenti.

»5. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi u bl-ispejjes kontra r-rikorrent.«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Tiċħad l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-kumpannija mħarrka billi ma seħħilhiex turi fi grad tajjeb biżżejjed li l-attur assikurat ressaq magħha 'claim' li ma kinetx valida, tajba u konformi mal-obbligi kontrattwali tiegħu bħala assikurat;

»Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur u ssib li l-kumpannija mħarrka hija marbuta bil-polza maħruġa dwar il-vettura tal-attur u li l-kumpannija mħarrka għandha tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab fl-incident mertu tal-kawża;

»Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida d-danni mġarrba mill-attur fis-somma ta' sitta u għoxrin elf seba' mija u ħamsa u sittin euro u erbatax-il ċenteżmi (€26,765.14);

»Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-attur is-somma ta' sitta u għoxrin elf seba' mija u ħamsa u sittin euro u erbatax-il ċenteżmi (€26,765.14) bħala danni likwidati, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum talħlas effettiv; u

»Tordna li l-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Illi din hija azzjoni għal risarċiment ta' ħsara mġarrba minn assikurat taħt polza ta' assikurazzjoni. L-attur huwa s-sid ta' vettura li ġarrbet ħsara f'inċident waqt li kienet qiegħda tinsaq f'Fisherman Street, ġewwa l-Marsa. Is-soċjeta' konvenuta, li magħha l-vettura tal-attur kienet koperta b'assikurazzjoni 'comprehensive', qed tirrifjuta illi tagħraf dan l-inċident u biex tħallas għall-allegati danni mġarrba għax tgħid li għandha dubju fuq l-awtentiċita' tal-'claim' imressqa mill-attur;

»... … …

»Illi dwar il-konsiderazzjonijiet legali, jidher li dan il-każ iqajjem żewġ kwestjonijiet: l-ewwel waħda hija r-rabta li tinħoloq bejn il-partijiet f'kuntratt ta' assikurazzjoni, filwaqt li t-tieni waħda hija dik fejn il-partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox differenti minn ta' xulxin;

»Illi, dwar tal-ewwel, ikun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa wieħed alejatorju, fejn il-qligħ jew it-telf għaż-żewġ partijiet, jew waħda minnhom, huwa magħmul jiddependi minn ġrajja li mhijiex żgura. Din il-ġrajja li mhix ċerta tikkostitwixxi l-aspett tar-riskju assikurat, li huwa element ewlieni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, għaliex jikkonsisti fil-possibilita' ta' ġrajja li ġġib magħha telf ekonomiku lil min iġarrabha u li dwarha dik il-persuna tkun assikurat ruħha bil-ħlas tal-premium u l-ħruġ tal-polza. Fil-kuntratt taħt eżami, ir-riskju titgħabba bih il-kumpannija assikuratriċi, bħala l-korrispettiv tagħha tal-obbligazzjoni tagħha fil-kuntratt. Din tieħu s-sura ta' obbligazzjoni każwali li tiddependi minn ġrajja ta' bla ħsieb li ma

tkunx fis-setgħa la tad-debitur u lanqas tal-kreditur. Illi f'ċirkostanzi normali u taħt ir-regola ġenerali, meta sseħħ dik il-ġrajja jitnissel l-obbligu tal-assikuratur li jagħmel tajjeb għat-telf imġarrab mill-assikurat. Sakemm ma joħroġx li l-assikurat kellu sehem f'dik il-ġrajja jew iffaċilita li sseħħ, l-assikuratur huwa mistenni li jħallas l-indenniżż miftiehem;

»Illi għal dak li jolqot it-tieni kwestjoni, fil-każ in eżami, hemm il-kwestjoni kruċjali tal-verżjonijiet ghal kollox kontrastanti tal-partijiet. Dan huwa każ fejn il-kumpannijia mħarrka tgħid illi l-claim kif mressqa mill-attur hija għal kollox fabbrikata. Tgħid li hemm elementi serji li joħolqu dubju serju kemm huwa minnu li l-vettura assikurata tabilħaqq ġarrbet dawk il-ħsarat fl-inċident fis-26 ta' Ottubru 2006. Dawn l-elementi tfissirhom b'reqqa kbira fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha taħt seba' rjus. Minħabba f'hekk, tgħid li mhijiex marbuta li tagħti kumpens taħt il-polza;

»Illi dan ifisser li jaqa' fuq l-attur li jipprova tajjeb biżżejjed u fil-grad li titlob il-liġi, u jiġifieri fuq bażi ta' probabilita' u mhux fuq l-assolutezza tal-kredibilita', li l-vettura tiegħu kienet fi stat tajjeb qabel ma ġara l-inċident fil-lejl bejn il-25 u s-26 ta' Ottubru, 2006, filwaqt illi jaqa' fuq l-kumpannija mħarrka l-piż ta' l-allegazzjoni tagħha li tipprova li l-attur assikurat mexa magħha b'mod qarrieqi, u b'hekk jitlef id-dritt li jingħata kumpens taħt il-polza. Filwaqt li f'tal-ewwel japplika l-prinċipju li min jallega jrid jipprova, fit-tieni jrid jiżdied ukoll il-prinċipju li l-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jkun ippruvat;

»Illi ingħad bosta drabi li teżisti regola ta' applikazzjoni proċedurali li trid li fejn f'każ joħorġu żewġ verżjonijiet li jmorru għal kollox il-waħda kontra l-oħra, il-Qorti għandha tagħżel li tqis dik il-verżjoni tal-parti mħarrka, u dan fuq il-bażi tal-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-regola ta' in dubio pro reo. Iżda huwa daqstant ieħor aċċettat li mhux kull konflitt jew kontradizzjoni fil-verżjonijiet tar-rispettivi partijiet f'kawża għandu jwassal lil min irid jagħti ġudizzju biex jieqaf milli jista' jiddeċiedi b'kuxjenza kwieta bla ma jkollu jdur għall-imsemmija regola;

»Illi l-Qorti għalhekk sejra tgħaddi biex, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru u fid-dawl tal-provi li joħorġu mill-atti tal-kawża, tistħarreġ il-kwestjoni dwar jekk intweriex li d-danni illi ġarrbet il-vettura verament seħħew fl-inċident ta' bejn il-25 u s-26 ta' Ottubru 2006, jew jekk l-attur qarraqx meta għamel it-talba tiegħu għall-kumpens taħt il-polza;

»Illi fir-rigward tal-prova li hija meħtieġa li tinġieb mill-attur, ma hemm l-ebda dubju li, fil-każ preżenti, fiż-żmien li seħħ l-inċident, il-vettura tal-attur kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni u li tali polza kienet waħda "comprehensive". L-anqas ma huwa kontestat li, dak inhar li seħħ l-inċident, dik il-polza kienet għadha fis-seħħ. Fir-rigward tal-istat tal-vettura qabel il-ħabta, l-attur iressaq bħala xhieda lil ibnu u sieħbu fejn ikkonfermaw illi qabel l-inċident il-vettura kienet fi stat tajjeb u mingħajr daqqiet ħlief, fi kliem iben l-attur, għal għafsa fuq wara. L-ewwel persuni illi raw il-vettura minuti wara l-inċident kienu l-aħwa Bezzina fejn ikkonfermaw ir-ritratti tal-vettura mkissra f'pagna 173 u 174 tal-proċess u jgħidu illi kien għad hemm il-foga fuq ix-xena tal-ħabta b'riżultat tal-ħruġ tal-air bags x'ħin waslu huma fuq is-sit. Il-vettura kellha daqqiet fuq il-quddiem tagħha, xellug u lemin, kif ukoll

fuq wara. L-esperti tekniċi jikkonfermaw illi sabu l-istess hsarat fuq il-vettura. Min-naħa tiegħu, l-attur jisħaq li wettaq il-provi li kien marbut iġib 'il quddiem u li dan għamlu b'mod tajjeb biżżejjed biex jissostanzja il-każ tiegħu;

»Illi dak li jibqa' dubjuż iżda huwa kif seħħ l-inċident u spjegazzjoni ta' dan jista' jagħtiha biss l-attur peress li ma kellu lil ħadd miegħu. Huwa jgħid illi l-impatt li ġarrbet il-vettura kien oriġinarjament fuq il-quddiem tagħha. Il-vettura qabdet il-bankina, il-ħajt u l-bieb, iżda mhux il-bieb dirett. Il-windscreen inkisret bil-ftuħ taż-żewġ airbags u l-impatt kien daqqa kbira. Huwa jgħid illi l-mudguard kien imdaħħal fil-bieb u li lill-warden qallu biex jieħu ritratti ta' dan. L-istess fir-rigward tal-ħġieġ li, skond l-attur, kien jiġri fuq il-bankina u kullimkien, anke jekk ir-ritratti ma jurux dan b'mod ċar għall-aħħar;

»Illi fis-sewwa l-istess espert tekniku mqabbad mill-attur ex parte wera ttħassib tiegħu dwar il-verżjoni mogħtija mill-attur ta' kif ġraw l-affarijiet. Kemm hu hekk, hu jgħid li "għalija għall-bidu kienet unbelievable" u li għall-ewwel ma emminx x'kien qallu l-attur. Iżda mbagħad, meta mar fuq il-post (għalkemm xi xhur wara) u qabbel il-ħsarat li ra fuq il-karozza mal-bieb tar-remissa, l-ambjenti tal-madwar u ċirkostanzi oħrajn fuq ilpost, bidel il-fehma tiegħu u saħħaħha b'mod li baqa' jiddefendiha wkoll minkejja l-kontro-eżami serrat li sarlu fuq il-konklużjonijiet u l-fehmiet imniżżla minnu fir-rapport li għamel;

»Illi mbagħad, l-esperti kollha mqabbdin miż-żewġ partijiet u li xehdu fil-kawża, jaqblu wkoll dwar il-ħsarat estensivi li ġarrbet il-karozza tal-attur. Dwar dawn il-ħsarat, ta l-fehma tiegħu l-espert tekniku mqabbad mill-Qorti li wkoll qabel ma' dawk il-fehmiet. Imma filwaqt li l-attur jgħid li dawk il-ħsarat ġraw f'daqqa u f'dak il-ħin tal-ħabta tiegħu mal-ħajt u l-bieb tar-remissa, il-kumpannija mħarrka tislet l-argument li l-kobor tal-ħsarat jixhed li l-karozza kienet involuta f'inċident (jew inċidenti oħrajn) b'ħabta ma' ħaġa oħra (issemmi arblu jew struttura li tixbahha) li ma kenitx saret dakinhar f'dak il-post;

»Illi l-Qorti tqis li ma hemm l-ebda dubju li l-karozza tal-attur instabet dakinhar imħaxkna ma' bieb ta' remissa u maħbuta. Dwar dan hemm ukoll xhieda li rawha hemm u f'liema kundizzjoni kienet. Ħareġ ukoll li l-qagħda tagħha ma kenitx tippermetti lill-attur isuqha mill-post wara l-ħabta, tant li kellu jqabbad lil xiħadd biex jirmunkahielu. Hemm prova wkoll li l-ħabta għamlet ħsara f'ġid ta' terzi (il-bieb tar-remissa) u li għal din il-ħsara l-attur intalab jagħmel tajjeb u, wkoll jekk taħt protesta, ħallas għall-ħsara li ġrat. Min-naħa l-oħra, skond kif tipotiżża l-kumpannija mħarrka, jekk kemm-il darba l-karozza tal-attur kienet tkissret f'inċident ieħor qabel dakinhar, ma fissritx kif allura l-karozza nstabet fejn instabet meta ssejjaħ il-warden u fassal ir-rapport u l-iskizz tal-inċident, sakemm l-istess kumpannija ma hijiex timplika li l-karozza tal-attur inġarret sa fuq il-post. Provi pożittivi ta' dan ma nġabux, u konġetturi u tejoriji ma jikkostitwux prova li din il-Qorti tista' toqgħod fuqhom;

»Illi dak li qiegħda tikkontesta l-kumpannija mħarrka huwa illi l-attur viċin meta kienet ser tiskadi l-polza tal-assikurazzjoni ħoloq inċident u ċjoe dak tal-każ odjern, u li ftit xhur biss qabel dakinhar qaleb il-polza minn waħda third party fire and theft għal waħda comprehensive biex b'hekk seta' jieħu vantaġġ minn fuq dahar l-istess soċjeta' mħarrka;

»Illi dik li l-kumpannijia mħarrka tixli bih lill-attur hija xilja serja li titlob prova qawwija. Dan għaliex, fil-kuntratti bilaterali, l-element tal-bona fidi huwa wieħed ewlieni li jorbot mhux biss għal dak li jingħad fil-kuntratti, imma wkoll għall konsegwenzi kollha li ġġib magħha r-rabta skond ix-xorta tagħha, bl-ekwita', bl-użu jew bil-liġi. Ix-xilja tal-kumpannija mħarrka, allura, tattribwixxi lill-attur b'egħmil doluż u dan jitfa' piż fuqha li turi sewwa dak li tixlih bih;

»Illi l-awturi jgħallmu li "The onus of proving fraud is on the insurer … In all cases of alleged fraud, the onus, while not that of the criminal law, is greater than the usual balance of probabilities, because 'the more serious the allegation the higher the degree of probability' to be established. Indeed, if the allegation of fraud is that the insured fired his own property, the onus is close to that facing the prosecution in a criminal case on the same facts, involving a 'high degree of probability'";

»Illi, kif diġa ngħad, il-kumpannija mħarrka tistrieħ fuq ix-xhieda u r-rapporti tekniċi mressqa minnha li jitfgħu dubji qawwija fuq kif qatt seta' ġara l-inċident kif spjegat mill-attur meta mqabbel mal-ħsarat imġarrba mill-vettura. Il-kumpannija mħarrka tisħaq fuq in-nuqqas ta' frak fuq is-sit, illi l-bieb tal-maħżen ma sfrondax b'daqqa li suppost kienet daqshekk qawwija, ma hemmx spjegazzjoni dwar kif saru l-ħsarat fuq in-naħa tax-xellug (jekk l-attur jgħid li d-daqqa ħadha fuq in-naħa tas-sewwieq), il-bankina kienet baxxa u mhux għolja daqstant li setgħet tinfaqa' r-rota, il-preżenza tas-sadid f'partijiet tal-vettura; il-ħruġ tal-airbag tan-naħa tal-lemin meta ma kienx hemm passiġġier riekeb mal-attur. Tabilħaqq dawn huma ċirkostanzi li ma jgħinux biex jagħmlu ċara l-verżjoni tal-attur, imma lanqas ma jixhdu l-qerq fit-talba tal-attur mal-assikuratur tiegħu;

»Illi din il-Qorti, wara li eżaminat b'reqqa x-xhieda kollha miġjuba quddiemha hija tal-fehma illi għalkemm hemm aspetti illi l-attur ma weġibx suffiċjentement dwar kif ġarrbet ċertu danni l-vettura tiegħu, l-attur wasal li jipprova l-istat tal-vettura qabel ma ġara l-inċident kif spjegat aktar 'il fuq. Wara kollox mhuwiex id-dmir tal-assikurat li jfisser kif ikunu seħħew il-ħsarat, ladarba juri li l-inċident tabilħaqq seħħ. Dan ta' l-ahhar ġie ippruvat bil-preżenza tal-aħwa Bezzina u tal-warden fuq is-sit, oltre minn dak ta' iben l-attur u ta' sieħbu;

»Illi fir-rigward tal-prova mressqa mill-kumpannijia mħarrka, il-Qorti għandha quddiemha opinjonijiet u fehmiet tekniċi kontrastanti, iżda r-rapport tekniku mressaq mill-kumpannija mħarrka ma jxejjinx għal kollox dak li sabu l-esperti l-oħra. Il-kumpannija mħarrka rnexxielha tqanqal il-dubbju fuq kif seta' gara l-inċident, iżda mhux fil-livell rikjest mill-liġi ta' 'high degree of probability' li jipprova l-qerq tal-assikurat tagħha (l-attur) jew biex tista' tinħeles mill-obbligu kontrattwali tagħha lejh; Illi minħabba dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel talba tal-atturi hija tajba u sejra tilqagħha. Bl-istess mod, minħabba l-fehma li l-Qorti waslet għaliha, l-eċċezzjonijiet imqajma mill-kumpannija mħarrka fil-mertu u r-riferenzi ġurisprudenzjali eruditi li għamlet fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħha ma jistgħux jintlaqgħu għaliex ma jikkorrispondux maċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha;

»Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut, l-attur jitlob danni fl-ammont ta' tmintax-il elf tmien mija u sitta u tmenin euro

u tletin ċenteżmu (€18,886.30) jew somma oħra li l-Qorti tista' tillikwida, jekk hemm bżonn billi taħtar perit għal dan il-għan. Dan ifisser li għalkemm l-attur talab il-ħlas ta' somma speċifika, wessa' t-talba tiegħu għall-possibilita' li l-Qorti tillikwida ammont ieħor, akbar jew iċken minn dak espressament mitlub;

»Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur (a) ħallas l-ammont ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400) lill-kumpannija assiguratriċi GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijet tal-assikurata tagħha Mary Rose Attard għad-danni li din sofriet fil-bieb tal-maħżen tagħha; (b) l-espert maħtur mill-Qorti jikkwantifika l-ħsara totali fil-vettura (magħduda n-nefqa biex jinbidlu l-partijiet imkissrin jew li ma jissewwewx, il-kiri ta' karozza oħra sakemm iddum issir it-tiswija, u l-prezz tax-xogħol biex isiru t-tiswijiet) għal għoxrin elf tmien mija u erbgħa u tletin euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€20,834.82), li l-Qorti tosserva illi tqarrab mal-istima magħmula lill-attur mis-surveyor imqabbad minnu; u (ċ) spejjeż li nefaq l-attur f'parkeġġ tal-vettura mal-MCP Company Ltd, li fit-total jammontaw għal erbat elef disa' mija u tmienja u disgħin euro u tlieta u ħamsin ċenteżmi (€4,998.53). Dawn id-danni jitilgħu b'kollox għas-somma ta' sitta u għoxrin elf seba' mija u ħamsa u sittin euro u erbatax-il ċenteżmu (€26,765.14) li l-kumpannija mħarrka trid tagħmel tajjeb għalihom;

»Illi dwar dawn it-talbiet, il-kumpannija mħarrka ma ressqet l-ebda kontestazzjoni u lanqas għamlet osservazzjonijiet dwarhom. Ma tressqet l-ebda kopja tal-polza tal-assikurazzjoni li kienet torbot lill-kumpannija mħarrka u lill-attur dwar il-karozza tiegħu dakinhar li seħħ linċident. Wieħed jifhem li, b'polza tal-għamla 'comprehensive', it-tliet kapi ta' danni msemmija aktar qabel kienu koperti fl-imsemmija polza, magħduda xi klawsoli dwar ħlas ta' 'excess';

»Illi wara li l-Qorti rat il-provi mressqa mill-attur dwar din il-pretensjoni tiegħu, issib li t-tieni u t-tielet talbiet tiegħu huma wkoll mistħoqqa u sejrin jintlaqgħu;

»Illi fuq is-somma li ser tiġi likwidata għandu jibda jgħaddi mgħax millum sal-jum tal-ħlas effettiv;«

7. Is-soċjeta' konvenuta appellat b'rikors tal-5 ta' Jannar 2016 li għalih wieġeb l-attur fid-9 ta' Frar 2016.

8. Fl-appell tagħha s-soċjeta' konvenuta ssostni li l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta ddikjarat illi hi "ma seħħilhiex turi fi grad tajjeb biżżejjed li l-attur assikurat ressaq magħha 'claim' li ma kinetx valida, tajba u konformi tal-obbligi kontrattwali tiegħu bħala assikurat" u meta ddikjarat illi l-istess soċjeta' appellanti "hija marbuta bil-polza maħruġa dwar il-vettura tal-attur" u

konsegwentement ordnatha sabiex *"tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab fl-inċident mertu tal-kawża."* Skond is-soċjeta' appellanti:

»i. ... l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinetx ġustifikata illi tadopera oneru ta' prova li ma jirriżultax mill-ordinament ġuridiku Malti. Bħala korollarju ta' dan, l-ewwel Onorabbli Qorti erronjament qieset illi l-grad ta' prova rikjest mil-liġi kien dak ta' "a higher degree of probability" u mhux il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili u cioe' il-bilċna ta' probabbilitajiet;

»ii. ... ... kuntrarjament għal dak li stabbiliet l-ewwel Onorabbli Qorti, l-oneru ta' prova ta' "a higher degree of probability" ma jfissirx grad ta' prova differenti mill-bilanċ ta' probabbilitajiet imma, semmai, li għandhom jinġiebu provi aħjar dwar dak li jidher li huwa improbabbli;

»iii. ... ... l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiddetermina x'kienu r-rekwiżiti tal-grad ta' prova li kellu jintlaħaq skond dik il-Qorti, u f'kull każ, il-fattispeċje tal-każ odjern huma tali illi anke li kieku, għal grazzja tal-argument, kellu jiġi adoperat "a higher degree of probability" bħala l-oneru ta' prova imqiegħed fuq is-soċjeta' esponenti, din tal-aħħar irnexxielha f'kull każ tipprova, anke fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Onorabbli Qorti stess, illi l-claim imressqa mill-appellat ma kienetx valida, tajba u konformi mal-obbligi kontrattwali tiegħu.»

9. Tkompli tfisser l-aggravji tagħha b'dan il-mod:

»Il-Fatti tal-Każ

»6. Fl-ewwel lok, għandu jiġi senjalat illi l-vettura tal-għamla Mercedes Benz bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI 414 appartjenenti lill-appellat, inizjalment, kellha kopertura tat-tip third party fire and theft fil-perijodu assikurattiv rinovat illi beda' fis-17 ta' April 2006. Jirriżulta di fatti illi l-vettura kienet inxtrat mir-rikorrent minn dealer tal-karozzi "qiesu xi sentejn qabel" u, mal-bejgħ, l-istess rikorrent kien ħareġ polza ta' assikurazzjoni tat-tip third party fire and theft mas-soċjeta' esponenti tramite l-aġenti tagħha Rausi Insurance Agency Limited, Iżda, sussegwentement fis-16 ta' Mejju 2006, fil-kors tal-perijodu koperattiv u mingħajr ebda raġuni apparenti, il-kopertura ġiet mibdula għall-waħda comprehensive. Meta r-rikorrent appellat ġie mistoqsi r-raġuni għal tali kambjament fit-tip ta' kopertura, huwa rrisponda "Hemm xi ħaġa ħażina għax għamilha full, jiġifieri? ... Għax kont komdu nħallas biex nagħmilha".

»7. Fir-rigward tal-allegat inċident awtomobilistiku, ir-rikorrent appellat jgħid li wassal lit-tifel tiegħu kif ukoll lil sħabu Neville Grech u Duncan Formosa fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Marsa. Hemmhekk huwa għamel bejn "nofs siegħa tliet kwarti" jitkellem ma' dawn it-tlieta min-nies. Wara xi ħin huwa telaq minn hemmhekk u baqa' nieżel mat-triq tal-Knisja fejn dar għal ġewwa Triq is-Sajjieda sabiex minn hemm jaqbad it-triq ta' max-xatt biex jibqa' jsuq lejn l-Belt Valletta. Dan kien għall-ħabta ta' nofs il-lejl u għalhekk it-triq kienet mudlama. Jirriżulta ukoll illi t-triq kienet niexfa.

»8. Fi kliem ir-rikorrent appellat innifsu, hekk kif qabeż il-liwja li hemm f'dik it-triq "għafastha", fejn saħansitra jgħid illi "mhux ta' dik it-triq kien l-ispeed" u dan peress li, skond hu, "kienet triq vojta." Ir-rikorrent appellat jkompli jistqarr illi hekk kif kien qed javviċina l-aħħar ta' Triq is-Sajjieda, tfaċċat vettura oħra mid-direzzjoni opposta. Skond hu, il-vettura li kienet ġejja minn faċċara kienet "daret minn hawn hekk, blind corner" u daret bis-saħħa għal fuq in-naħa tal-lemin tagħha u cioe', skond kif allega l-appellat, din il-vettura sabet ruħha fuq il-karreġġjata tiegħu. Hu jgħid illi f'dak il-ħin il-vettura l-oħra kienet żewġ tulijiet ta' vettura 'l bogħod minnu. F'dan il-mument, l-appellat jgħid li ħa azzjoni evażiva billi qasam għal fuq il-karreġġjata opposta.

»9. In kontroeżami, ir-rikorrent appellat jispjega illi għafas il-break, qabad il-bankina u baqa' dieħel ġol-ħajt u ġo bieb li kien hemm fuq dik in-naħa tat-triq. Dan jvarja mill-verżjoni tiegħu tempo vergine fejn ingħad illi "Kont għaddej dritt, ġiet vettura mid-direzzjoni opposta b'saħħitha, tilfitli l-kontroll u bqajt dieħel ġol-bieba tal-garage u bieb ieħor".

»10. Fuq il-bieb tal-garaxx illi miegħu allegatament ħabtet l-vettura de quo nstab xi grif superfiċjali.

»11. L-istess ma jistax jingħad għall-vettura misjuqa mir-rikorrent appellat. Bħala contact damages ġew riskontrati ħsarat estensivi fis-segwenti partijiet: (a) Front Bumper; (b) Front and Left Bonnet; (c) Front Left Grille; (d) Both Headlamps (Right hand side); (e) Front right mud shield; (f) Front right headlamps; (g) Front right indicator light; (h) Right hand side door (Scratches); (i) Front right wheel rim; (j) Right and Left chassis arms; (k) Pillar behind the bumper; u (l) Floor Board. Bħala induced damages, ġew riskontrati s-segwenti danni: (a) Dashboard; (b) Windscreen; (c) Floor Board; (d) Roof; (e) Left and Right Pillars; (f) Radiator including fan; (g) Air bags; (h) steering; (i) gearbox; u (j) Floor Board (Underneath).

»12. Bħala ħsarat għalhekk, jirriżulta illi dawn kienu estensivi liema ħsarat kienu lokalizzati kemm "ma' quddiem kollu" u cioe' fuq iż-żewġ naħat ta' quddiem tal-vettura, kif ukoll fuq il-parti posterjuri ukoll fuq iż-żewġ ġnubijiet. Skond ir-rikorrent appellat, il-vettura ma ġietx imċaqalqa qabel ma aċċeda l-warden fuq il-post. Għalhekk, l-imsemmija vettura ġiet misjuba fl-angolu li jidher fuq il-paġna 7/7 tal-ETARS report.

»13. Fuq il-post ma nstabu l-ebda marki ta' brake; wisq anqas ma nstabet l-allegata vettura illi kienet qed tinstaq mid-direzzjoni opposta. Lanqas ma nstab xi debris tal-vettura tar-rikorrent mal-art fejn allegatament seħħ l-impatt, iżda biss xi parts tal-vettura rikorrenti. Il-bankina ma ngirfitx bl-allegat impatt.

»14. Ir-rikorrent ikkonferma illi dak il-ħin kien waħdu. Madankollu, mal-ħabta, infetħu ż-żewġ airbags tal-vettura minnu misjuqa.

»15. Wara dan l-allegat inċident, ir-rikorrent irreġistra claim mas-soċjeta' esponenti fejn talab illi jiġi indennizat tal-ħsarat minnu subiti riżultat ta' dan l-allegat inċident. Iżda tenut kont tal-fatt illi n-natura tal-ħsara li r-rikorrent kien qiegħed jsostni illi ġarrab bħala konsegwenza

tal-allegat inċident awtomobilistiku ma setgħatx tkun kompatibbli mal-fatti, ċirkostanzi, u dinamika tal-inċident innifsu, tali pretensjoni ġiet rifjutata mis-soċjeta' esponenti, liema diskrepanzi ser jiġu hawn senjalati aktar fid-dettall.

- »In-Nuqqas ta' Debris fuq il-Post tal-Allegat Inċident

»16. L-ewwel element li dwaru ma tingħata l-ebda ġustifikazzjoni valida mir-rikorrent appellat jirrigwarda l-fatt illi fuq il-post fejn seħħ l-allegat inċident ma nstabx debris iżda biss parts tal-vettura rikorrenti. Iżda skond ir-rikorrent appellat, kien hemm ammont konsiderevoli ta' debris mal-art. Fi kliemu stess, jistqarr "daqs kemm kien hemm frak taħt il-karozza, daqqa bħal dik, kien hemm ħafna frak". Meta mistoqsi fejn kien dan il-frak, ir-rikorrent appellat qal illi "mhux imferrex l' hawn u l'hemm ... fuq il-bankina imferrex ... mal-art. .. fuq il-bankina u kullimkien".

»17. Madanakollu, ħarsa lejn ir-ritratti annessi mar-rapport tal-allegat inċident, ma jidhirx illi kien hemm dan id-debris li għamel referenza għalih ir-rikorrent. Di fatti, l-uffiċjal investigattiv, il-warden Eric Sciberras, meta mistoqsi dwar dan speċifikament ikkonferma illi "kien hemm parts mal-art mhux debris". Tenut kont tal-fatt illi ż-żewġ headlamps tal-vettura instabu mkissrin, kif jista' wieħed jispjega illi ma nstab ebda ħġieġ mal-art? Huwa possibbli illi impatt bħal dak li qed jippostula r-rikorrent appellat ma jħalli kważi ebda traċċa ta' fejn seħħ?

- »Il-Ħsarat Riskontrati fil-Bieb tal-Garaxx

»18. Ir-rikorrent appellat lanqas ma kien konsistenti dwar id-dinamika tal-inċident. Filwaqt li a tempo vergine jgħid li ħabat ġo żewġ bibien tal-garaxx, fid-deposizzjoni tiegħu fil-proċeduri odjerni jistqarr li "bqajt dieħel fuq bankina, ħajt u bieb ta' maħżen qabel tiżbokka fil-Menqa". Salv għal purtella waħda li kien hemm bżonn li tinbidel, fuq il-bieb tal-garaxx jidher illi kien hemm biss xi grif hekk kif jidher mir-ritratti eżebiti mar-rapport tal-warden, speċifikatament ir-ritratt f'paġna 6/7, kif ukoll ir-ritratti eżebiti mar-rapport tal-espert tat-traffiku Mario Buttiġieġ.

»19. Wieħed għalhekk jirrimarka illi huwa pjuttost inspjegabbli kif impatt li prattikament sfrakassa għal kollox in-naħa frontali tal-lemin ta' vettura tqila bħal ma hi l-vettura in kwistjoni bażiakment ma ħalla ebda traċċa fuq il-punt tal-impatt.

»20. Dan ġie mistħarreġ mix-xhud Joseph Cortis li xehed fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2010 (a fol. 189 et seq. tal-proċess). L-imsemmi xhud kien aċċeda fuq is-sit in kwistjoni l-għada u cioe' nhar is-27 ta' Ottubru 2006. Dwar ir-risultanzi tiegħu minn dan l-aċċess, huwa stqarr is-segwenti:

> »"Xhud: Il-ħsara tal-garaxx kienet baxxa komparata mad-danni li kien hemm fuq il-Mercedes iġifieri qed inqisu Mercedes E-Class, karozza ta' ċertu struttura, ta' piż u toqol, above average, minn karozza normali. Qed nitkellmu fuq karozza high end, iġġor piż iktar minn karozza normali allura għandha iktar momentum u l-plus l-ħsara li għandha fuqha hija estensiva,

meta tqis dawn il-fatturi u tara l-ħsara fuq il-garaxx, tgħid dawn ma jistax ikun li huma l-istess. Ma jikkorrispondux;

»AZM: B'dik id-daqqa u inti rajt il-garaxx li allegatament seħħ l-inċident, x'tippretendi li ssib fil-bieb tal-garaxx?

»Xhud: Hawnhekk qed nara l-maġġur parti tal-ħsara hi impatt frontali. Din it-tip ta' daqqa, il-bieb ta' garaxx kien jibqa' dieħel ġewwa. Jifqgħu kompletament. Fil-fatt il-ħsara li kien hemm mal-garaxx kien il-ħsara mill-ġenb, bħal meta tħakkek mall-ġenb u hawnhekk għandek ħsara ħafna iktar b'impatt ħafna ikbar".

»21. Dan saħansitra qalu l-perit ex parte inkarigat mir-rikorrent appellat, Philip Zammit, li fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2009, in kontroeżami, xehed hekk kif ġej:

»"Meta morna l-Marsa jien u hu għax l-Avukat tiegħu, dejjem fuq it-telefon jekk kien l-avukat tiegħu għax jien il-Dr. Stafrace qed nara ġdida hawnhekk, jiġifieri ma kinetx hi, kien avukat ieħor meta ċempilli. Qalli illi mir-rapport jixtieq iżid li d-damages kollha li hemm fuq il-karozza saru fil-ħabta li kienet saret il-Marsa. Għidtlu illi biex inniżżel dak jien irrid immur nara l-post fejn ħabtet, għax ma nistax inniżżel fuq ir-rapport mingħajr ma nara x'hemm, qed tifhimni? Jiena fthemt mas-Sur Caruana, morna l-Marsa fejn hu allegat li sar l-inċident, rajt l-affarijiet li kelli nara u kont staqsejt, għidtlu kif sar l-inċident? Qalli għax ħarġitli karozza u tlift il-kontroll. Ifhimni dan mill-memorja qed ngħidulek ta' hekk jidhirli li qalli. Pero' jiena as such ma stajtx insib l-ebda indikazzjoni fejn seħħ dan l-inċident. Kien hemm barxa mal-ħajt biss pero' barxa mal-ħajt ma tgħamilx il-ħsara li kellha din il-karozza, qed tifhimni, imma għalhekk jiena imbagħad bqajt ninsisti biex ma nniżżilx dik il-biċċa fuq ir-rapport tiegħi. Indikazzjoni ma stajtx insib.

»(...)

»AZM: Jekk qed nifhmek sew jiġifieri ma stajtx tqabbel id-danni li inti rajt ma' dak li qallek is-Sur Caruana?

»Philip Zammit: Ma dak li qed nara jien, ma stajtx inqabbilhom.

»AZM: Ma stajtx, ma stajtx tqabbilhom.

»Philip Zammit: Le ma dak li kont qed nara jien ma stajtx inqabbilhom."

»22. Tal-istess fehma kien ukoll l-espert tat-traffiku Mario Buttigieg li fil-konklużjonijiet ddikjara s-segwenti:

»"The collision does not correlate with what Caruana had alleged happened in the incident. The concept for this is that the vehicle would not have finished as indicated in the warden's photographs but it would have inclined at a degree.

> This is due to the shifting of the vehicles' centre of gravity (velocity and impact).
>
> »(...)
>
> »With the damges that the vehicle had allegedly sustained during the incident, the warehouse doors would have sustained extensive amount of damages rather than the simple scratches that the doors had in reality sustained.
>
> »Moreover, the left side mirror and the front door did not sustain any damages.
>
> »With the great amount of impact that the vehicle had suffered it would clearly result that the warehouse door would have sustained more severe impact rather than what it allegedly had suffered. As the vehicle continued to move in a horizontal position the wall between the doors of the warehouse had to suffer some kind of impact. Instead it does not show any signs of contact resulting from any force exerted by the vehicle."

»23. Tali riżultanzi pero' jikkontrastaw bil-kbir ma dak li ngħad mir-rikorrent appellat in kontroeżami fejn stqarr illi "hi (cioe' l-vettura) baqgħet titkaxkar mal-bieb, il-bieb itbewwaq, il-mudguard, wieħed minnhom weħel mal-bieb, il-warden għandu ritratti tal-mudguard imwaħħal ... il-bieb kważi nfetaħ ... il-bieb infetaħ u l-mudguard daħal u baqa' mwaħħal ġo fih". L-istess ngħad mix-xhud prodott mir-rikorrent appellat Saviour Bezzina fejn, waqt l-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2012, meta mistoqsi dwar dan, jistqarr illi "il-bieb kien qiegħed 'l ġewwa... ma kienx għall-użu".

»24. Minn dan kollu pero' ma jidher xejn fir-ritratti meħudin mill-uffiċjal investigattiv; għal kuntrarju, tidher biss il-vettura rikorrenti isserraħ fuq il-bieb tal-garaxx (vide ritratti 4/7 u 7/7 annessi mar-rapport tal-wardens).

- »Il-Ħsarat Riskontrati fuq in-Naħa Xellugija tal-Vettura de quo

»25. Aktar preokkupanti, hekk kif jirriżulta fir-rapport tal-espert Mario Buttigieg, id-daqqa prinċipali li kkaġunat il-ħsarat riskontrati fil-vettura in kwistjoni lanqas ma kienet dik fuq in-naħa tal-lemin:

> »"After vigorous inspection on the vehicle it was established that the main impact had occurred on the left hand side and not on the right hand side as is being claimed by the claimant. From investigations carried out n the vehicle it transpired that the front body of the vehicle had been displaced to the right hand side rather than to the left as is being claimed."

»26. Għaldaqstant, l-imsemmi Mario Buttiġieġ ikkonkluda illi:

> »"The major impact was sustained on the left hand side of the vehicle. The concept for this is that the pillar behind the bumper sustained severe damages. Even the chassis arm on the left hand side collapsed due to impact. If the collision had

> occurred as stated by Caruana, the left hand side would have remained intact. Moreover, the passenger air bag would not have been released. Furthermore the damages shown on the front bonnet indicate that the induced impact had moved to the left.”

»27. Tal-istess fehma kien ukoll Mark Micallef, surveyor inkarigat mis-soċjeta’ esponenti li sa dak iż-żmien kien ilu jagħmel dan ix-xogħol għal aktar minn sbatax-il sena. Ix-xhud spjegat illi kien spezzjona l-vettura fis-27 ta’ Ottubru 2006, u allura l-għada tal-allegat inċident, fejn innota li “l-inċident tan-naħa tal-lemin għal li hemm fuq ix-xellug huwa impatt totalment different. Wieħed dan qisu daħal ġo xi lamp post jew arblu fuq in-naħa tax-xellug ta’ quddiem u l-ieħor tan-naħa tal-lemin jidher li hemm qisha tkaxkira. In-naħa ta’ wara jidher li hemm daqqa oħra jiġifieri ma setgħetx kienet relatata ma quddiem.”

»28. Dan kollu kkonfermah ukoll il-Perit Tekniku nominat mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u cioe’ s-surveyor Natalino Agius, fejn fir-rapport tiegħu jissenjala illi “il-vettura tidher illi apparti l-impatt fuq il-lemin in-naħa ta’ quddiem, kienet involuta ukoll f’impatt fuq quddiem in-naħa tax-xellug. Jidher li l-impatt tax-xellug kien ma xi ħaġa dejqa tipo arblu, siġra jew koxxa ta’ bieb. Dan ħalla l-forma fil-pjanċi. Dan l-impatt affettwa l-bonnet, il-mudguard tax-xellug, il-parti ta’ quddiem tax-xażi tax-xellug u l-faċċata”.

»29. Tali konklużjoni hija korraborata ukoll mill-fatt illi l-windscreen tal-vettura rikorrenti nstab li kellu daqqa fuq in-naħa tal-passiġġier, possibilment ikkaġunata minn xi ħaġa li kienet marbuta fuq l-arblu u li waqgħet għal fuq il-windscreen. Jirriżulta li din id-daqqa hija fil-fatt f’forma ta’ concave fejn hija imbuzzata l-ġewwa. Għalhekk, għandu jkun immedjatament evidenti illi d-daqqa fuq il-windscreen saret minn barra għal ġewwa. Ir-rikorrent appellat ittanta jispjega dan il-fatt billi jgħid illi din il-ħsara ġiet kkaġunata mill-airbag. Iżda, sabiex tali ħsara tista’ tiġi konsiderata illi toriġina mill-airbag kif inhu qiegħed jiġi allegat, l-ħsara kienet tkun ħġieġa mxaqqa’ l-barra u mhux iffurmata l-ġewwa.

»30. Għalhekk, id-dinamika tal-inċident hekk kif deskritta mir-rikorrent stess, u cioe’ illi kien hemm impatt frontali wieħed fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura ma tagħti assolutament l-ebda komfort lil dawn ir-riżultanzi. Di piu, għandu jingħad li fit-triq fejn seħħ dan l-allegat inċident ma kien hemm l-ebda arblu, barrier jew ebda ħaġa oħra b’dik il-kongifurazzjoni li senjalaw ix-xhieda tekniċi li ddeponew fil-proċeduri odjerni.

- »Ir-Rota illi Allegatament Tqaċċtet Riżultat tal-Impatt in Deżamina

»31. Fattur ieħor li ma joffri l-ebda komfort għat-teżi tar-rikorrent appellant huwa l-fatt illi r-rota ta’ quddiem tan-naħa tal-lemin tinstab kompletament imċarrta u maqlugħa minn postha. Dwar dan, is-soċjeta’ esponenti tirrileva illi filwaqt li jirriżulta li kien hemm bankina fejn seħħ l-allegat inċident, din kienet għolja madwar 8.5 ċentimetri. Għalhekk huwa ukoll inspjegabbli kif vettura tat-tip u l-għamla bħal ma hi dik misjuqa mir-rikorrent setgħet tispiċċa b’din it-tip ta’ ħsara ma bankina daqshekk baxxa.

»32. Dwar dan l-aspett, ikkumenta ukoll l-espert Mario Buttiġieġ fejn stqarr illi:

> »“No heavy gauge marks were observed neither caused prior to the imapct or post impact. This would have been evidentially clear when the tyre of the vehicle was displaced from the tyre rim. It was observed that the rim had sustained considerable amount of damages. Moreover the wheel rim was even cracked. This damage could not have subsisted due to the fact that the vehicle mounted the pavement. This is because the pavement in question is only eight point four (8.4) centimetres high. With this height the rim would have not sustained such extensive damages.
>
> »(...)
>
> »The left hand side tyre sustained a consdierable amount of impact. It resulted that the tyre had been displaced from the tyre rim. Even though the vehicle had over ridden the pavement, it would still have been impossible for the tyre and the rim to be set apart in view of the height of the footpath. From investigations carried out on site it transpired that the height of the vehicle was only eight point nine (8.9) centimetres. Moreover the path is flat with the ground level of the floor”.

- »<u>Il-Presenza tas-Sadid fuq il-Vettura Rikorrenti</u>

»33. Element ieħor illi jixħet dubbju serju fuq il-pretensjonijiet imressqa mir-rikorrent appellat toħroġ mix-xhieda ta’ Joseph Cortis waqt is-seduta tas-17 ta’ Ġunju 2010 fejn ikkonferma li ġie riskontrat sadid fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura. Jirriżulta li filwaqt li l-allegat inċident seħħ fis-26 ta’ Ottubru 2006, l-imsemmi Joseph Cortis spezzjona l-vettura tar-rikorrent għall-ewwel darba madwar erbat ijiem wara. Madanakollu, sa dakinhar “kien hemm ammonti ta’ corrosion li ħareġ mill-pjanċa minn fejn ikkrakja ż-żebgħa illi jindikali li dik il-ħsara seħħet ġimgħat jew mhux xhur qabel”. L-istess xhud żied jgħid illi dan it-tip ta' sadid huwa mistenni li jidher madwar xahrejn wara f’dak l-ammont peress li kien “hemm traċċi kbar”.

- »<u>Id-Deployment taż-Żewġ Airbags</u>

»34. Fattur ieħor li jqajjem dubji serji dwar il-veraċita’ tal-verżjoni mogħtija mir-rikorrent appellat hija dik illi ż-żewġ airbags frontali ħarġu bl-impatt. Mill-provi tekniċi prodotti fil-proċeduri odjerni jirriżulta illi tali airbags ġeneralment jiġu deployed riżultat ta’ impatt frontali ta’ iktar minn 60 grad, u allura inklinazzjoni iktar indentata minn dik li tidher fir-ritratt f’paġna 7/7 tar-rapport tal-wardens. Barra minn hekk, ingħad ukoll illi l-vettura in kwistjoni bħala standard issue tinħareġ b’sensors tal-piż, speċi ta’ miżien, fuq is-seat tal-passiġġier, li jagħraf il-presenza ta’ passiġieri fil-mument tal-impatt. Huwa biss meta passiġġier ikun bil-qiegħeda fis-seat ta’ quddiem li jinħareġ l-airbag tan-naħa xellugija.

»35. Huwa għalhekk pjuttost inspjeggabbli kif, fil-każ odjern, minkejja li r-rikorrent jgħid għal darba darbtejn li kien waħdu fil-mument tal-impatt,

infetħet it-tieni airbag fuq in-naħa tal-passiġġier. Dan fil-fehma tas-soċjeta' esponenti jista' jfisser biss illi fil-mument meta ġew arrekati d-danni fil-vettura rikorrenti, l-istess kellu passiġġier li kien riekeb miegħu fuq is-seat ta' quddiem, liema danni għalhekk ma ġewx subiti riżultat tal-impatt illi qiegħed jallega l-istess rikorrent.

»36. Dwar dan il-punt, l-espert Mario Buttiġieġ ikkonkluda illi "To further complement the undersigned's theory, it was observed that the airbags had opened. These could only have opened due to a direct, frontal impact and not due to the side impact as alleged by Caruana."

- »<u>Ma Kienx hemm Charge fil-Batterija tal-Vettura Rikorrenti</u>

»37. B'żieda ta' dak kollu fuq premess, irriżulta ukoll illi meta saret l-ispezzjoni mis-surveyor Joseph Cortis u cioe' fit-30 ta' Ottubru 2006, erbat ijiem wara l-allegat inċident, il-batterija kienet "flat għal kollox." Din hija indikazzjoni oħra illi l-vettura kienet ilha wieqfa għal żmien konsiderevoli, liema żmien kien anteċedenti għall-allegat inċident in deżamina, għaliex l-batterija ma kinetx ser tispiċċa fi żmien erbat ijiem.

»38. Fid-dawl tal-inkonsistenzjoni kollha li ġew sollevati mis-soċjeta' esponenti oġġettivament, fil-fehma umli tal-istess, kellu jirriżulta għall-ewwel Onorabbli Qorti illi l-ispjegazzjonijiet fjakki li ttanta jagħti r-rikorrent appellat għall-ħsarat riskontrati fil-vettura tiegħu ma setgħu qatt jkollhom mis-sewwa.

»39. Cio nonostante, għalkemm l-istess Qorti tenniet illi "il-kumpannija mħarrka tistrieħ fuq ix-xhieda u r-rapport tekniċi mressqa minnha li jitfgħu dubji qawwija fuq kif qatt seta' ġara l-inċident kif spjegat mill-attur meta mqabbel mal-ħsarat imġarrba mill-vettura ... din il-Qorti, wara li eżaminat b'reqqa x-xhieda kollha miġjuba quddiemha hija tal-fehma illi għalkemm hemm aspetti illi l-attur ma weġibx suffiċjentement dwar kif ġarrbet ċertu danni l-vettura tiegħu, l-attur wasal li jipprova l-istat tal-vettura qabel ma ġara l-inċident kif spjegat aktar 'il fuq." Għalhekk jidher li l-istess Qorti għażlet li tistrieħ fuq xhieda li ma kienu xejn attendibbli (kif del resto ġie senjalata mill-istess Qorti) sabiex ikkonstatat x'kien l-istat tal-vettura qabel l-inċident minflok straħet fuq provi oġġettivi. Kien dan li skond l-ewwel Onorabbli Qorti kellu jwassal biex jħalli l-konvinċiment morali illi d-danni reklamati kienu direttament riżultanti mill-inċident hawn deskritt.

»40. L-ewwel Onorabbli Qorti imbagħad, erronjament, qieset illi "wara kollox m'huwiex id-dmir tal-assikurat li jfisser kif ikunu seħħew il-ħsarat, ladarba juri li l-inċident tabilħaqq seħħ."

»L-Ewwel Aggravju – L-Oneru tal-Prova Adoperat mill-Ewwel Onorabbli Qorti

»41. Illi l-ewwel aggravju tas-soċjeta' esponenti huwa li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinetx ġustifikata illi tadopera oneru ta' prova li ma jirriżultax mill-ordinament ġuridiku Malti. Bħala korollarju ta' dan, l-ewwel Onorabbli Qorti erronjament qieset illi l-grad ta' prova rikjest mil-liġi kien dak ta' "a higher degree of probability" u mhux il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili u cioe' il-bilanċ tal-probabbilitajiet.

»42. Illi dik l-Onorabbli Qorti għażlet li tapplika tali prinċipju fuq dettam waħdieni, ta' awtur wieħed u li ma jsib ebda komfort, la f'sorsi oħrajn u minn awturi jew ġuristi oħrajn jew, anqas minn hekk, fil-liġi nostrana.

»43. Illi skond l-istess Qorti, l-oneru tal-prova mixħut fuq is-soċjeta' esponenti biex tattribwixxi lir-rikorrent b'egħmil doluż ma kellux jkun dak tal-bilanċ ta' probabbilitajiet, kif ilu għal deċenni sħaħ kostantement ritenut fil-kamp ċivili, iżda dan kellu jkun "greater than the usual balance of probabilities, because the more serious the allegation, the higher the degree of probability to be established."

»44. L-awtur illi ċċitat l-ewwel Onorabbli Qorti (b'mod inkomplet), jkompli illi "if the allegation of fraud is that the insured fired his own property, the onus is close to that facing the prosecution in a criminal case on the same facts, involving 'a higher degree of probability'".

»45. Dan joħloq diffikulta' serja għas-soċjeta' esponenti għal numru ta' raġunijiet, prinċiparjament fosthom hija illi dan l-oneru ta' prova indikat mill-ewwel Onorabbli Qorti, u cioe' a higher degree of probability, ma jirriżulta assolutament imkien mill-ordinament ġuridiku Malti, la fil-każistika deċiża mill-Qrati nostrani, anke fuq mertu identiku (salv għall-żewġ kawżi oħra ukoll deċiżi mill-ewwel Onorabbli Qorti kif presjeduta), u wisq inqas mill-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

»46. Hija ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li f'materja ċivili, a differenza minn materja kriminali, il-Qorti tiddeċiedi fuq il-bilanċ ta' probabbilitajiet. Fis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet Eucaristico Zammit vs. Eustrachio Petrococchino noe, l-imsemmija Qorti ikkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ li kienet irriteniet illi: "(H)u elementari fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja l-prinċipju hekk enunċjat mill-Powell "On Evidence" p. 487 – "In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities' The tribunal must not look for more than what is called "a moral certainty"; it should not act on a mere possibility. But a large field lies between these two extremes. The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and 'probably' arise from them ... ……There is a difference in the degree of proof required in civil and criminal cases; for civil cases may be decided on a preponderance of "probability", but in criminal cases the guilt of the prisoner must be established beyond reasonable doubt".

»47. Inoltre bħal ma ġie kostantement ritenut, huwa paċifiku illi l-liġijiet ta' proċedura għandhom jiġu osservati alla lettera u mhux per equipollens. Dan għaliex il-proċedura hi konsiderata liġi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod għalhekk illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ma tistax, di sua sponte, tiddeċiedi illi tvarja l-oneru ta' prova li jiggrava fuq parti jew fuq oħra, iktar u iktar imbgħad għab-bażi tan-natura tal-fattispeċje tal-każ in eżami. Il-posizzjoni tal-ordinament ġuridiku Malti dwar l-oneru tal-prova fil-kamp ċivili hija waħda, netta u ċara: l-oneru huwa dak tal-bilanċ tal-probabbilitajiet.

»48. Dan iġib bħala konsegwenza illi l-grad tal-prova li l-partijiet kontendenti f'kawża ċivili għandhom jippretendu illi jkunu mistennija li jilħqu għandu jiġi osservat strettament u ad unguem. Din mhix kwistjoni ta' formaliżmu iżda ta' miżura ta' dixxiplina proċesswali li mill-osservanza tagħha tibbenefika l-andament kif imiss tas-sistema kollu.

»49. Jiġi puntwalizzat il-prinċipju illi l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. Fil-każ de quo dan jimporta illi r-rikorrent appellat ħtieġlu jipprova illi l-vettura assigurata sofriet ħsarat fl-inċident minnu rapportat u li t-telf subit jirrientra fit-termini tal-polza li assikurat ir-riskju. Dan l-istess prinċipju jgħodd ukoll għas-soċjeta' esponenti in kwantu din tiddefendi l-posizzjoni tagħha bl-allegazzjoni li s-sinistru ma kienx wieħed aċċidentali iżda r-riżultat ta' kunċert frawdolenti u ta' pjan qarrieqi biex tiġi defrodata, liema prova kienet tinkombi fuqha.

»50. L-Artikolu 981(2) tal-Kodiċi Ċivili jipprovi illi "l-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat". Il-liġi imkien ma tispeċifika li l-grad ta' prova ta' egħmil doluż għandu jkun ogħla minn dak rikjest f'kawżi ta' materja ċivili. Kif irriteniet ben tajjeb din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza deċiża fil-31 ta' Lulju 1996 fl-ismijiet Adrian sive' Aad De Haan vs. Goerge Whelpdale et "In civilibus il-falz mhux meħtieġ li jirriżulta ictu oculi mid-dokument innifsu, kif lanqas hi neċessarjament meħtieġa il-prova posittiva ta' l-att li wassal għalih. Li hu invece meħtieġ hu li l-ġudikant jasal għall-konvinċiment morali mill-kumpless tal-provi u miċ-ċirkostanzi tal-każ illi d-dokument impunjat ma kienx wieħed ġenwin li jirrapreżenta l-volonta' ta' min jidher li jkun iffirmah imma li jkun vizzjat b'dolo jew qerq. Lanqas ma hu meħtieġ li l-Qorti tidentifika min kien li effettivament ikkommetta l-qerq."

»51. Għaldaqstant, f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purke s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu imsejjaħ biex jiġġudika. Naturalment ir-riċerka jekk l-għemil doluż huwiex determinanti hi waħda ta' fatt li għandha tiġi meqjusa fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.

»52. Kwantu għall-elementi ta' fatt f'din l-istanza, dawn indikathom l-ewwel Onorabbli Qorti stess fejn qieset illi "il-kumpannija mħarrka tistrieħ fuq ix-xhieda u r-rapporti tekniċi mressqa minnha li jitfgħu dubji qawwija fuq kif qatt seta' ġara l-inċident kif spjegat mill-attur meta mqabbel mal-ħsarat imġarrba mill-vettura. Il-kumpannija mħarrka tisħaq fuq in-nuqqas ta' frak fuq is-sit, illi l-bieb tal-maħżen ma sfrondax b'daqqa li suppost kienet daqshekk qawwija, ma hemmx spjegazzjoni dwar kif saru l-ħsarat fuq in-naħa tax-xellug (jekk l-attur jgħid li d-daqqa ħadha fuq in-naħa tas-sewwieq), il-bankina kienet baxxa u mhux għolja daqstant li setgħet tinfaqa' r-rota, il-preżenza tas-sadid f'partijiet tal-vettura; il-ħruġ tal-airbag tan-naħa tal-lemin [*recte*, tax-xellug] meta ma kienx hemm passiġġier riekeb mal-attur".

»53. Illi skond ma stabbiliet din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs. David Curmi noe, deċiża fid-19 ta' Ġunju 2006, huwa desumibbli minn dawn il-bosta "affarijiet mhux tas-soltu" illi meta dawn jiġu konkretament valutati

jħallu sapur indizzjarju qawwi u daqstant ieħor konvinċenti li kapaċi jwasslu għal dik iċ-ċertezza morali illi non si trattava ta' sempliċi inċident sfortunat u li l-attur ma kienx għal kollox estraneju għall-event li seħħ tad-distruzzjoni tal-vettura.

»54. Inoltre, kuntrarjament għal dak li tgħid l-ewwel Onorabbli Qorti, huwa ben magħruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi għandhom iħallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fihom ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo. Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan dejjem fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sotrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubbju raġjonevoli.

»55. Din il-posizzjoni ġiet ikkonfermata ukoll reċentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili stess fil-kawża fl-ismijiet Anthony Baldacchino vs GasanMamo Insurance Agency Limited noe fejn l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (diversament presjeduta) sabet illi l-oneru tal-prova fil-każ ta' allegazzjoni ta' għemil doluż ta' parti ta' soċjeta' assikurattiva fil-konfront tal-assikurat tagħha kien jinħtieġilha li tiġi pruvata fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.

»56. Konsimilment, fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Farrugia et vs GasanMamo Insurance Agency Limited, liema kawża kienet titratta każ ta' asiskurat li kien qed jittanta jieħu riżarċiment mingħand is-soċjeta' assikurattiva tiegħu wara allegat serq tal-vettura tiegħu taħt ċirkostanzi dubbjużi. L-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (diversament presjeduta) qieset illi wara eżami akkurat tal-provi rriżulta li fil-vettura de quo ma kienx hemm sinjali ta' sgass estern, kif ukoll in-nuqqas ta' ħsara riskontrata fis-sistema ossia fil-wiring tal-ignition tal-vettura jikkonduċu. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, l-imsemmija Qorti waslet għall-konklużjoni li l-atturi ma rnexxilhomx jipprovaw suffiċjentement il-premessa tagħhom li l-vettura kienet fil-fatt insterqet. Konsegwentement qieset illi dawn il-fatt jitfgħu dubbju serju fuq it-tesi tal-atturi, liema dubbju għandu jiffavorixxi lis-soċjeta' konvenuta skond il-prinċipji legali fuq esposti. Għaldaqstant laqgħet l-eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta assikurattriċi li l-claim tal-atturi mhux koperta bil-polza ta' assikurazzjoni, hija fondata fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi.

»57. Bl-istess mod, fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (diversament presjeduta) fl-ismijiet Joseph Azzopardi vs Fogg Insurance Agencies Limited noe, li ukoll kienet tittratta ċirkostanzi ta' claim li kienet fabbrikata frawdolentement, l-imsemmija Qorti tenniet illi "Ċertament li m'huwiex faċli li f'każijiet bħal dawn ikollok prova. Pero' qegħdin fil-kamp ċivili. Kif ingħad fil-kawża ċitata mill-konvenuta, "f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purke s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li

ma jħallu l-ebda dubju f'min hu imsejjaħ biex jiġġudika ... Meqjusa dawn iċ-ċirksotanzi l-qorti tikkonkludi li l-konvenuta tat prova li dan hu każ ta' insurance fraud."

»58. Huwa evidenti għalhekk mis-sentenzi appena ċitati illi fl-ebda ċirkostanza l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma applikat l-oneru ta' prova elevat illi applikat l-ewwel Onorabbli Qorti, u cioe' dik ta' "a higher degree of probability" anke jekk dawn l-aħħar erba' ġudikati appena ċitati kollha kienu jittrattaw każijiet ta' insurance fraud!

»59. Ta' min jissenjala ukoll illi l-ewwel Qorti espremiet id-dubju serju illi kellha fit-teżi rikorrenti fejn saħansitra stqarret illi "il-kumpannija mħarrka rnexxielha tqanqal id-dubju fuq kif seta' ġara l-inċident, iżda mhux fil-livell rikjest mill-liġi ta' 'high degree of probability' li jipprova l-qerq tal-assikurat tagħha (l-attur) jew biex tista' tinħeles mill-obbligu kontrattwali tagħha lejh".

»60. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, filwaqt illi fil-fehma tas-soċjeta' esponenti jirriżulta palesement illi l-grad ta' prova li kellu jiġi adoperat mill-ewwel Onorabbli Qorti kien filfatt dak fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, umilment tissottometti illi din l-Onorabbli Qorti għandha biżżejjed provi quddiemha sabiex, bl-istess oneru ta' prova, tkun sodisfatta li l-imsemmija soċjeta', anke saħansitra fuq provi oġġettivi li baqgħu inkontestati, waslet għal prova li kien jinħtieġilha tagħmel.

»61. Jiġi għal darb'oħra sottolineat illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni ossija l-element ċentrali tiegħu tal-massima buona fede mhux qiegħed hemm biex jiġi aġġirat b'artifizji li jiddanneġġjaw parti oħra fil-kontrattazzjoni. Tabilħaqq, għal darba oħra ma jonqosx li jiġi ripetut illi "la frode non merita mai la protezione della legge".

»It-Tieni Aggravju – L-Grad ta' Prova ta' "A High Degree of Probability" Ma Jfissirx Grad ta' Prova Differenti imma biss li Jinġiebu Provi Aħjar dwar dak li Jidher li huwa Improbabbli

»62. Illi mingħajr preġudizzju għal dak sovra espress, kuntrarjament għal dak li stabbiliet l-ewwel Onorabbli Qorti, l-oneru ta' prova ta' "a high degree of probability" ma jfissirx grad ta' prova differenti mill-bilanċ ta' probabbilitajiet imma, semmai, li għandhom jinġiebu provi aħjar dwar dak li jidher li huwa improbabbli.

»63. Illi l-liġi Britannika ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn it-tort ta' deceit u dak ta' fraudulent misrepresentation. Dan l-egħmil doluż jingħad li jkun seħħ meta "a defendant makes a false representation, knowing it to be untrue, or being reckless as to whether it is true, and intends that the claimant should act in reliance on it, then in so far as the latter does so and suffers loss the defendant is liable for that loss."

»64. Jiġi rilevat ukoll illi l-elementi ta' dan it-tort huma s-segwenti:

»i. A false representation of fact made to the claimant;

»ii. A dishonest state of mind by the representor;

»iii. An intention that the claimant relies on the representation;

»iv. Reliance by the claimant on the representation;

»v. Financial loss to the claimant caused by the above.

»65. Illi dak li stabbiliet l-ewwel Onorabbli Qorti dwar il-grad tal-prova rikjest f'każ ta' allegazzjoni ta' egħmil doluż da parti ta' soċjeta' assikurattiva fil-konfront tal-assikurat tagħha huwa essenzjalment sintesi ta' dak li kien qal Lord Denning fil-kawża fl-ismijiet Hornal v. Neuberger Products Limited (1957) 1 QB 247, u cioe' li "A Civil court, when considering a charge of fraud, will naturally require for itself a higher degree of probability than that which it would require when askng if negligence if establihsed. It does not adopt so high a degree as a criminal court, even when it is considering a charge of a criminal nature; but still it does require a degree of probability which is commensurate with the occasion."

»66. Għalhekk, dak li hu rikjest minn dan il-preċedent m'huwiex li jinbidel il-grad tal-prova, imma proprju li jinġiebu provi aħjar biex jintwera li minkejja li xi ħaġa tista' tidher improbabbli, fil-fatt seħħet, u dan jiddependi mill-fattispeċje partikolari tal-każ. Il-grad tal-prova sabiex jirriżulta pruvat li kien hemm l-egħmil doluż indikat huwa f'kull każ pero' l-bilanċ tal-probabbilitajiet.

»67. L-unika distinzjoni li ssir llum mill-ordinament ġuridiku Britanniku huwa biss f'każ li jitqajjem dubbju raġonevoli dwar l-intenzjoni ta' min qed jagħmel tali rappreżentazzjonijiet foloz jew frawdolenti bl-iskop li jigwadanja minnhom. F'tali każijiet ta' dubju dwar l-intenzjoni, il-preċedent li qed jiġi segwit huwa dak indikat minn Lord Nicholls fil-kawża Re. H. (Minors) (Sexual Abuse): (Standard of Proof):

> »"When assessing the probabilities the court will have in mind as a factor, to whatever extend is applicable in the particular case, that the more serious the allegation the less likely it is that the event occurred and hence the stronger should be the evidence before the court concluded that the allegation is established on the balance of probability. Fraud is usually less likely than negligence ... The more improbable the event, the stronger must be the evidence that it did occur before, on the balance of probability, its occurrence will be established."

»68. Skond ma jirriżulta minn tali sintesi, il-grad tal-prova jibqa' dejjem dak tal-bilanċ tal-probabbilitajiet. Għalhekk, anke f'każ fejn jqum dubju raġonevoli dwar l-ħsieb ta' min għamel tali rappreżentazzjonijiet, dak li huwa rikjest huma provi aktar konduċenti li jikkonvincu lil min qed jiġġudika illi dka li jista' jidher improbabbli fil-fatt seħħ, u mhux grad ta' probabbilta' different.

»69. Dan ġie spjegat f'iktar dettall minn Lord Hoffman fil-kawża fl-ismijiet In Re. B (Children) (FC) fejn, fost oħrajn, għamel is-segwenti emfasi:

> »"I think that the time has come to say, once and for all, that there is only one civil standard of proof and that is proof that the fact in issue more probably occurred than not ...

»... … …

»70. Din il-posizzjoni ġiet ukoll sostanzjata fil-kawża deċiża mill-House of Lords fl-ismijiet Rhesa Shipping Company SA v. Edmunds (The Popi M) (1985) 1WLR 948. F'dan il-każ, l-atturi kienu sidien ta' bastiment li nbena fl-1952, liema bastiment kien assigurat għall-perils of the sea. Sas-sena 1976 dan il-bastiment kien tħalla fi stat ħażin u għereq fil-Mediterran, f'temp tajjeb, fuq rotta normali, minħabba ingress ta' ilma minn ħofra kbira fil-ġenb tiegħu. Is-sidien tal-vapur ressqu claim kontra l-assigurazzjoni fejn qalu, fost oħrajn, illi t-telfa tal-vapur kienet dovuta għal ħabta ma' sottomarin. L-assikurazzjoni involuta saħqet illi l-ħofra kienet kaġunata minħabba l-istat li tħalla fih il-bastiment. Il-Qorti tal-ewwel grad ċaħdet il-verżjoni tal-fatti mressqa mis-soċjeta' assikurattiva u addottat il-verżjoni, wisq improbabbli, li kien hemm kolliżjoni ma' sottomarin. Madanakollu, fl-istadju tal-appell, Lord Bradon qal hekk:

> »"... the legal concept of proof of a case on a balance of probabilities must be applied with common sense ... if such a judge concludes, on a whole serious cogent grounds, that the occurrence of an event is extremely improbable, a finding by him that it is nevertheless more likely to have occurred than not, does not accord with common sense."

»71. Għaldaqstant, l-oneru tal-prova, sal-grad tal-probabbli, li l-bastiment intilef minħabba l-perikoli tal-baħar kienet tibqa' mas-sidien, u f'każ li jibqa' dubju f'dan is-sens, allura s-sid tal-vapur ma jkunx irnexxielu jeżonera ruħu. Ir-riżultat aħħari għaldaqstant huwa essenzjalment identiku għall-posizzjoni nostrana, u cioe' illi anke f'każ li intimat jonqos milli jipprova direttament l-egħmil doluż, dan ma jfissirx illi awtomatikament, l-attur għandu jkun intitolat għar-rifużjoni ta' danni allegatament sofferti f'dak l-event dannuż.

»72. In vista tal-premess allura, u b'kull dovut rispett, l-ewwel Onorabbli Qorti inkorriet fi żball serju meta qieset illi minkejja li "il-kumpannija mħarrka rnexxielha tqanqal id-dubju fuq kif seta' ġara l-inċident, iżda mhux fil-livell rikjest mil-liġi ta' 'high degree of probability' li jipprova l-qerq tal-assigurat tagħha (l-attur) jew biex tista' tinħeles mill-obbligu kontrattwali tagħha lejh".

»73. Għandu għalhekk jirriżulta palesi illi l-eżami li kellha tagħmel il-Qorti ma kienx illi b'xi mod tvarja jew tbiddel il-grad tal-prova minn dak stabbilit tal-bilanċ tal-probabbilitajiet imma, jekk xejn, tinvestiga jekk il-provi miġjuba quddiemha kinux tali biex jissodisfaw, fuq il-grad tal-probabbli, jekk l-allegazzjoni illi l-claim ma kinetx waħda valida, tirriżultax pruvata jew le, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kif ukoll jekk l-attur irnexxilux jipprova t-talbiet minnu mressqa. Del resto, it-tweġiba diġa' ngħatat mill-istess l-ewwel Qorti meta stqarret bl-aktar mod ċar illi l-provi prodotti "jitfgħu dubji qawwija fuq kif qatt seta' ġara l-inċident kif spjegat mill-attur meta mqabbel mal-ħsarat imġarrba mill-vettura."

»It-Tielet Aggravju – Il-Grad tal-Prova ta' "A Higher Degree of Probability" jinsab Sodisfatt

»76. Illi in subsidum, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiddetermina x'kienu r-rekwiżiti tal-grad tal-prova li kellu jintlaħaq skond dik il-Qorti, u f'kull każ, fil-fehma umli tas-soċjeta' esponenti, il-fattispeċje tal-każ odjern huma tali illi anke li kieku kellu jiġi adoperat 'a higher degree of probability' bħala l-oneru ta' prova imqiegħed fuq l-istess soċjeta', din tal-aħħar irnexxielha f'kull każ tipprova illi l-claim imressqa mill-appellat ma kinetx valida, tajba u konformi mal-obbligi kontrattwali tiegħu.

»75. Illi filwaqt illi ssir referenza għal parti inizjali ta' dan l-appell fejn ġew trattati l-fatti tal-każ (partikolarment l-inkonsistenzi fattwali fil-versjoni rikorrenti) kif ukoll għan-nota responsiva mressqa mis-soċjeta' esponenti, a skans ta' ripetizzjoni, umilment tissottometti illi l-provi illi ressqet kienu jirrelataw (sintetikament) għas-segwenti fatti, liema provi baqgħu inkontestati u mingħajr ebda spjegazzjoni mir-rikorrent appellat:

»i. il-fatt illi fuq il-post fejn seħħ l-allegat inċident ma nstabx debris iżda biss parts tal-vettura, minkejja li ż-żewġ fanali frontali nstab li kienu miksura;

»ii. Il-fatt illi l-ħsarat riskontrati fil-bieb tal-garaxx, u cioe' sempliċement xi grif, għajr għall-purtella waħda li kellha tinbidel, ma jikkombaċawx mad-dinamika tal-inċident kif deskritta mir-rikorrent appellat fejn huwa pjuttost inspjegabbli kif impatt li prattikament sfrakassa għal kollox in-naħa frontali tal-lemin ta' vettura tqila bħal ma hi l-vettura in kwistjoni bażikament ma ħalla ebda traċċa fuq il-punt tal-impatt;

»iii. Il-fatt illi, skond anke ma jirriżulta mir-rapport tal-Perit Tekniku, il-ħsarat prinċipali fil-fettura kienu fuq in-naħa tax-xellug tagħha, u allura kompletament fuq il-parti l-opposta ta' fejn kellhom jirriżultaw il-ħsarat fil-vettura skond kif deskritti mir-rikorrent appellat;

»iv. Il-fatt illi l-ħsarat riskonstrati fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura kellhom jirriżultaw minn impatt ma' xi "ħaġa dejqa tipo arblu, siġra jew koxxa ta' bieb"; fatturi li ma jirrafiguraw bl-ebda mod mill-fattispeċje deskritti mir-rikorrent appellat u partikolarment in vista tal-fatt illi fit-triq fejn seħħ dan l-allegat inċident ma kien hemm l-ebda arblu, barrier jew ebda ħaġa oħra b'dik il-konfigurazzjoni li senjalaw ix-xhieda tekniċi li ddeponew fil-proċeduri odjerni;

»v. Il-fatt illi l-windscreen tal-vettura rikorrenti nstab li kellu daqqa fuq in-naħa tal-passiġġier, possibilment ikkaġunata minn xi ħaġa li kienet marbuta fuq l-arblu u li waqgħet għal fuq il-windscreen;

»vi. Il-fatt illi r-rota ta' quddiem tan-naħa tal-lemin tinstab kompletament imċarrata u maqlugħa minn postha;

»vii. Il-presenza ta' sadid fuq il-vettura tar-rikorrenti jiem biss wara l-inċident mertu tal-kawża;

»viii. Il-fatt illi inħarġet l-airbag tan-naħa tal-passiġġier meta skond ma jgħid ir-rikorrent appellat kien waħdu fil-karozza, u dan riskontrat mal-fatt illi skond ma jirriżulta pruvat mill-atti ta' din il-kawża, huwa biss

meta passiġġier ikun bilqiegħda fis-seat ta' quddiem li jinħareġ l-airbag tan-naħa xellugija;

»ix. Il-fatt illi biss erbat ijiem wara l-inċident, il-batterija kienet "flat għal kollox", indikazzjoni li l-vettura in kwestjoni kienet ilha wieqfa għal tul ta' żmien.

»76. Għalkemm jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti ħadet in konsiderazzjoni dan kollu premess, qieset illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa wieħed ta' natura aleatorja. In segwitu irrikonoxxiet ukoll illi l-partijiet taw verżjonijiet kontrastanti għall-xulxin u ġustament qieset illi l-oneru li jipprova n-ness kawżattiv bejn id-danni reklamati u l-event dannuż kien jaqa' fuq ir-rikorrent appellat filwaqt illi l-oneru li jiġi ppruvat illi l-istess rikorrent appellat mexa b'mod qarrieqi, u li konsegwentement kien għalhekk tilef id-dritt li jingħata kumpens taħt il-polza kien jaqa' fuq is-soċjeta' esponenti.

»77. Il-Qorti qieset f'ċertu dettall il-fattispeċje tal-każ u kkonfrontat id-dinamika tal-inċident kif deskritta mir-rikorrent appellat ma dak li xehdu l-esperti ex parte u kif ukoll ma' dak li kkonferma Natalino Agius, l-espert tekniku mqabbad minnha u qieset senjatament is-segwenti:

»"Illi, kif diġa' ngħad, il-kumpannija mħarrka tistrieħ fuq ix-xhieda u r-rapporti tekniċi mressqa minnha li jitfgħu dubji qawwija fuq kif qatt seta' ġara l-inċident kif spjegat mill-attur meta mqabbel mal-ħsarat imħarrba mill-vettura. Il-kumpannija mħarrka tisħaq fuq in-nuqqas ta' frak fuq is-sit, illi l-bieb tal-maħżen ma sfrondax b'daqqa li suppost kienet daqshekk qawwija, ma hemmx spjegazzjoni dwar kif saru l-ħsarat fuq in-naħa tax-xellug (jekk l-attur jgħid li d-daqqa ħadha fuq in-naħa tas-sewwieq), il-bankina kienet baxxa u mhux għolja daqstant li setgħet tinfaqa' r-rota, il-preżenza tas-sadid f'partijiet tal-vettura; il-ħruġ tal-airbag tan-naħa tal-lemin meta ma kienx hemm passiġġier riekeb mal-attur. Tabilħaqq dawn huma ċirkostanzi li ma jgħinux biex jagħmlu ċara l-verżjoni tal-attur, imma lanqas ma jixhdu l-qerq fit-talba tal-attur mal-assikuratur tiegħu."

»78. Inoltre, fil-konsiderazzjonijiet tagħha, l-ewwel Onorabbli Qorti qiset senjatament illi "dak li jibqa' dubjuż iżda huwa kif seħħ l-inċident" ukoll illi "hemm aspetti illi l-attur ma weġibx suffiċjentement dwar kif ġarrbet ċertu danni l-vettura tiegħu."

»79. Min-naħa l-oħra, is-soċjeta' esponenti ippruvat illi hemm dubbju serju u sostanzjali dwar il-veraċita' tal-claim imressqa mill-assigurat tagħha. Bil-fatt biss illi mill-provi ma jirriżultax fejn, meta u kif seħħ l-inċident jew l-inċidenti l-oħrajn li fihom neċessarjament kienet involuta l-vettura indikata biex setgħu jirriżultaw il-ħsarat li fil-fatt irriżultaw, ma jfissirx allura illi r-rikorrent appellat huwa eżonerat milli jipprova n-ness kawżattiv bejn id-dinamika tal-inċident kif minnu deskritta u l-ħsarat attwalment riskontrati fil-vettura tiegħu. Wisq anqas ma jfisser illi s-soċjeta' esponenti naqset milli tipprova, sal-grad tal-probabbli, illi l-claim imressqa m'hiex valida, tajba u konformi mal-obbligi kontrattwali tiegħu bħala assikurat peress illi n-natura tal-ħsara li r-rikorrent jistqarr li ġarrbet il-vettura b'riżultat tal-inċident m'hiex kompatibbli mal-fatti, ċirkostanzi u dinamika tal-inċident innifsu kif rikonoxxjut mill-ewwel Onorabbli Qorti.

»80. Mill-provi kollha imressqa f'din il-kawża huwa palesi illi (i) ma tirriżulta l-ebda prova oġġettiva dwar l-istat tal-vettura qabel l-inċident u dan għaliex l-unika prova dwar dan kienet ix-xhieda tar-rikorrent appellat innifsu, u ta' ibnu u sieħbu li ma kienu attenddibbli xejn fid-deposizzjoni tagħhom; u (ii) ma tirriżulta l-ebda prova u / jew spjegazzjoni dwar kif ġew riskontrati l-ħsarat li fil-fatt ġew riskontrati fuq in-naħa xellugija tal-vettura, kif infetħet l-airbag tan-naħa tal-passiġġier, kif infaqgħet il-windscreen fuq in-naħa ta' ġewwa u kif ukoll kif iċċartet ir-rota tan-naħa tal-lemin u n-nuqqas lampanti ta' tifrik u n-nuqqas ta' tiċrit fuq in-naħa fejn seħħ l-impatt.

»81. Madanakollu, sorprendentement, l-ewwel Qorti għażlet li tistrieħ fuq xhieda li ma kienu xejn attendibbli biex ikkonstatat x'kien l-istat tal-vettura qabel l-inċident. Kien dan li skond l-ewwel Onorabbli Qorti kellu jwassal biex jħalli l-konvinċiment morali illi d-danni reklamati kienu direttament riżultanti mill-inċident minnhom deskritt. L-ewwel Onorabbli Qorti imbagħad erronjament qieset illi "wara kollox m'huwiex id-dmir tal-assikurat li jfisser kif ikunu seħħew il-ħsarat, ladarba juri li l-inċident tabilħaqq seħħ".

»82. Bid-dovut rispett, dak li kellha tipprova s-soċjeta' esponenti ma kienx x'wassal biex ġew riskontrati l-ħsarat li fil-fatt ġew riskontrati fil-vettura bħal ma donnha pretendiet l-ewwel Onorabbli Qorti, imma pjuttost illi ġara dak li wieħed jista' jqisu bħala improbabbli u cioe' illi l-vettura in kwiestjoni, fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, kienet involuta f'inċident, jew f'inċidenti oħrajn, u li ma jirriżultax in-ness kawżattiv bejn l-fattispeċje kif deskritti, mill-attur appellat, u d-danni reklamati. Del desto, anke kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Farrugia et vs Gasan Mamo Insurance Agency Limited ċitata aktar il-quddiem, hija waslet għall-konklużjoni li l-atturi ma rnexxilhomx jipprovaw suffiċjentement il-premessa taħghom li l-vettura kienet fil-fatt insterqet. Konsegwentement qieset illi dawn il-fatt jitfgħu dubbju serju fuq it-tesi tal-atturi, liema dubbju għandu jiffavorixxi lis-soċjeta' konvenuta skond il-prinċipji legali fuq esposti.

»83. In vista' ta' dan allura, anke li kieku – għal grazzja tal-argument – wieħed kellu jadopera grad tal-prova skond ma stabbiliet l-ewwel Onorabbli Qorti, cioe' "a higher degree of probbaility" neċessarjament kellu jasal għall-konklużjoni illi fil-każ odjern kien seħħ l-improbabbli u li s-soċjeta' esponenti irnexxielha tipprova, skond anke ma ġie kkonfermat mill-ewwel Onorabbli Qorti stess, illi l-claim imressqa mir-rikorrent appellat ma kinetx valida, tajba u konformi mal-obbligi kontrattwali tiegħu.»

10. L-attur appellat wieġeb hekk għall-appell tas-soċjeta' appellanti:

»1. Illi, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u timmerita illi tiġi konfermata bl-ispejjeż kollha kontra is-soċjeta' appellanti Atlas Insurance PCC Limited (C-5601);

»2. Illi, d-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Prim'Awla u l-motivi u r-raġunament li jikkomponu l-istess huma ekwi u ġusti u ma rrekaw l-ebda leżjoni tad-drittijiet tas-soċjeta' appellanti Atlas Insurance PCC Limited u

għalhekk dan l-appell interpost mill-istess soċjeta' għandu jiġi riġettat bħala wieħed infondat kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;

»3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-appellat qiegħed, permezz tal-preżenti risposta, jirrespinġi u jirribatti għall-aggravji ssollevati mis-soċjeta' appellanti Atlas Insurance PCC Limited, u dan tramite l-preġudizzjali li ser isegwu fil-paragrafi f'hawn taħt;

»4. Illi l-appell interpost mis-soċjeta' appellanti jistrieħ fuq tliet aggravji, u cioe' illi:

»a. l-Oneru tal-Prova adoperat mill-ewwel Onor. Qorti;

»b. l-Grad ta' Prova ta' "A High Degree of Probability" ma jfissirx grad ta' prova differenti imma biss li jinġiebu provi aħjar dwar dak li jidher li huwa improbabbli;

»c. l-Grad tal-Prova ta' "A Higher Degree of Probability" jinsab sodisfatt;

»5. Illi minn eżami tat-tliet aggravji joħroġ ampjament ċar illi hemm kontradizzjoni bejn l-ewwel u t-tielet aggravju. Din il-kontradizzjoni tirriżulta mill-fatt illi l-ewwel aggravju jattenta jattakka l-oneru tal-prova applikat mill-ewwel Onor. Qorti; u cioe' illi skond is-soċjeta' appellanti l-ewwel Onor. Qorti eronjament applikat oneru elevat ta' prova fir-rigward tal-provi miġjuba mill-istess soċjeta'; u konsegwenza ta' dan, l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' ġew miċħuda;

»6. Illi iżda mill-banda l-oħra, is-soċjeta' appellanti, permezz tat-tielet aggravju qed issostni illi l-grad ta' prova ta' 'a higher degree of probability" ġie filfat sodisfatt. Is-soċjeta' appellanti ma tistax tattenta tiċensura id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, għaliex skondha l-Ewwel Qorti applikat eronjament grad ta' prova differenti li wassal biex l-eċċezzjonijiet tagħha jiġu kollha miċħuda; filwaqt illi fl-istess ħin, issostni illi dan il-grad ta' prova ġie fil-fatt sodisfatt;

»Apprezzament ta' provi fi stadju ta' appell

»7. Illi minn qari tar-rikors tal-appell jirriżulta illi l-aggravji tas-soċjeta' appellanti effettivament jistrieħu fuq ilment rigwardanti l-apprezzament u il-grad ta' provi adoperati mill-Ewwel Qorti. Ċertament illi l-appell tas-soċjeta' appellanti mhux ibbażat fuq xi deċiżjoni jew interpretazzjoni dwar xi punt ta' liġi …

»... … …

»8. Illi, l-prinċipju bażiku huwa illi l-Qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax l-apprezzament ta' provi magħmul mill-Ewwel Qorti, sakemm, dik il-Qorti tiskopriex li saret inġustizzja. Dan il-prinċipju ġie rritenut f'diversi sentenzi...

»... … …

»10. Illi, dan il-prinċipju kardinali jistrieħ fuq il-fatt li l-Qorti tat-Tieni Istanza mhijiex il-forum addattat fejn il-provi miġjuba fl-ewwel Qorti

jerġgħu jiġu studjati. Dan huwa eżerċizzju fdat assolutament lill-Ewwel Qorti ...

»... … …

»12. Illi, għalhekk, stante illi l-konvinċiment tal-ġudikant kien wieħed magħmul b'din il-liberta', u tali konvinċiment juri apprezzament korrett tal-fatti ta' dan il-każ kif rifless fil-motivazzjoni raġonata tas-sentenza, is-soċjeta' appellanti ma tistax issa f'dan l-istadju titlob ċensura tad-deċiżjoni magħmula mill-ġudikant, għas-sempliċi raġuni li dan l-eżerċizzju ma kienx a benefiċċju tagħha;

»It-Tliet Aggravji sollevati mis-Soċjeta' Appellanti Atlas Insurance PCC Limited

»13. Illi in sintesi, l-appell devolut quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa mfassal fuq l-aggravji illi l-ġudikant applika oneru ta' prova ogħla fl-apprezzament tiegħu tal-provi miġjuba mis-soċjeta' appellanti;

»14. Illi jiġi rilevat illi għalkemm is-soċjeta' appellanti tikkwota diversi prinċipji u ġurisprudenza fir-rikors tagħha għall-appell in sostenn tat-tliet aggravji tagħha dejjem jibqa' l-fatt illi dawn l-aggravji huma kollha marbuta mal-apprezzament u l-valutazzjoni ta' fatti u provi; liema eżerċizzju huwa fdat esklusivament lill-Ewwel Qorti;

»15. Illi, is-sentenza tal-Onor. Ewwel Qorti hija msawwra fuq is-setgħa diskrezzjonali tal-ġudikant li ibbaża l-konvinċiment tiegħu fuq dawk il-provi li hu deherulu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għad-determinazzjoni tal-kawża. Is-sentenza li hawn qed tiġi attakkata għandha motivazzjoni raġjonata għal dak li jirrigwardaw id-deskrizzjoni tal-fatti. Għalhekk skond il-ġurisprudenza tagħna, l-Onor. Qorti ta' Appell m'għandiex tiddisturba din id-deċiżjoni minħabba l-fatt illi, l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tal-fatti preżentati hu mħolli u mogħti lill-ġudikant tal-prim istanza;

»16. Illi, l-aggravji tas-soċjeta' appellanti m'huma xejn ħlief aggravji dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ġudikant tal-Ewwel Qorti. Is-soċjeta' appellanti tattenta tlibbes l-aggravji tagħha bħala aggravji bbażati fuq xi l-liġi tal-proċedura. Huwa interessanti pero' li wieħed jikkonsidra illi l-ebda Artikolu tal-Liġi ma huwa kwotat fir-rikors tal-appell tas-soċjeta' appellanti. Dan propju għaliex dak li qed tipprova tagħmel is-soċjeta' appellanti huwa dak li mhux permessibli bil-Liġi, u cioe', illi terġa' tinfetaħ indaħni tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti minn din l-Onor Qorti tal-Appell;

»17. Illi kif ġie diġa ritenut illi jsir dan it-tip ta' tentattiv mhix xi ħaġa barra minn lokha jekk l-Ewwel Onor. Qorti tkun għamlet apprezzament ħażin (fil-fehma ta' xi waħda mill-partijiet) tal-provi prodotti li jkun se jwassal f'inġustizzja iżda il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha;

»18. Illi, dan huwa l-pern ta' kollox. Jekk wieħed jeżamina bir-reqqa is-sentenza tal-Ewwel Onor. Qorti malajr isib li l-Onor. Qorti eżaminat kull

aspett fattwali illi tqajjem miż-żewġ partijiet u l-provi kollha miġbura u għalhekk dan l-appell qatt ma jista' jirnexxi, in vista tal-fatt illi l-ġudikant tal-Ewwel Qorti għandu dak li l-ġurisprudenza ssejjaħ il-konvinċiment liberu;

»19. Illi l-aggravji preżentati mis-soċjeta' appellanti huma ilment dwar l-apprezzament ta' provi u l-mod ta' kif l-Ewwel Qorti użat id-diskrezzjoni tagħha dwar l-eżami tal-provi sabiex waslet għad-deċiżjoni li tilqa' t-talbiet rikorrenti u hawn in-norma hija li din l-Onor. Qorti, bħala Qorti tal-Appell ma tistax tiddisturba dan l-apprezzament ħlief meta dan ikun manifestament żbaljat u / jew għar-raġunijiet gravi, b'mod li jkun jista' jingħad li a bażi tal-provi prodotti, l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, b'dan li tkun ser issir inġustizzja lejn il-partijiet fil-kawża;

»20. Illi, f'dan l-istadju ma tistax ma ssirx referenza għall-osservazzjoni importanti tal-Ewwel Qorti meta qalet:

> »"... skond kif tipotizza l-kumpanija mħarrka, jekk kemm-il darba l-karozza tal-attur kienet tkissret f'inċident ieħor qabel dakinar, ma fissritx kif allura l-karozza nstabet fejn instabet meta ssejjaħ il-warden u fassal ir-rapport u l-iskizz tal-inċident, sakemm l-istess kumpannija ma hijiex timplika li l-karozza tal-attur inġarret sa fuq il-post. Provi pożittivi ta' dan ma nġabux u konġetturi u tejoriji ma jikkostitwux prova li din il-Qorti tista' toqgħod fuqhom."

»Għalhekk is-soċjeta' appellanti ma tistax targumenta illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata għaliex addott oneru ta' prova fir-rigward tal-provi minnha presentati; meta dak li hija presentat fil-proċeduri fil-prima stanza kienu sempliċiment argumentazzjonijiet u teoriji li mhumiex suffiċjenti sabiex jipprovaw l-allegazzjonijiet serji tagħha;

»21. Illi mill-banda l-oħra l-Onor l-Ewwel Qorti kienet preżentata bi provi, kemm viva-voce u dokumentarji, provi ta' esperti ex parte u xhieda indipendenti, illi kkonfermaw it-teżi tar-rikorrent, u li wasslu sabiex l-Ewwel Qorti takkolji it-talbiet kollha tal-appellat. Issir referenza għan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-appellat fl-atti tal-kawża illi tagħmel referenza għal dawn imsemmija provi. Il-proċedura ta' appell ma għandhiex tintuża sabiex tipprovdi lok fejn il-provi miġbura quddiem l-Ewwel Qorti jerġgħu jiġi preżentati sabiex jerġgħu jiġu studjati u għalhekk il-provi u l-fatti miġbura fl-imsemmija nota mhux se jiġu riprodotti hawn;

»22. Illi anke, jekk għas-saħħa tal-argument, wieħed jasal sabiex jikkonsidra illi l-aggravji imressqa mis-soċjeta' appellanti huma aggravji ibbażati fuq xi punt ta' Liġi, l-istess aggravji se jwasslu għall-eżerċizzju illi l-Qorti tal-Appell hija prekluża illi tagħmel; u cioe' illi terġa' teżamina l-provi miġbura. Dan għaliex kif tista' l-Onor. Qorti tal-Appell tiddeċidi jekk l-allegazzjoni tas-soċjeta' appellanti fir-rigward ta' onero elavat hijiex fondata jew le, mingħajr ma terġa' tikkonsidra l-provi kollha miġbura quddiem l-Ewwel Qorti, Ġialadarba' l-Ewwel Qorti uriet apprezzament dettaljat u studjat tal-provi kollha preżentati quddiemha, ċertament illi l-Onor. Qorti ma tistax tiddisturba din id-deċiżjoni;

»23. Illi għalhekk, ir-rikors tas-soċjeta' appellanti m'huwa xejn ħlief tentattiv sabiex is-soċjeta' appellanti tlibbes l-aggravji tagħha taħt il-vesti ta' "punt ta' dritt" li hu ineżistenti, biex hekk jistiden lil din l-Qorti terġa' tidħol fil-mertu tal-vertenza u sabiex tirrieżamina u terġa' tiddeċiedi id-disputa bejn il-kontendenti mill-ġdid.

»Illi a bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appellat jissottometti illi l-eżerċizzju magħmul mill-ewwel Onorabbli Qorti fid-deċiżjoni tagħha kien wieħed ġust, korrett u ekwu .Għaldaqstant l-appellat filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi kollha miġbura ġja imressqa quddiem l-Ewwel Qorti (u b'riserva ta' kull prova tal-volta spettanti lilu sond il-liġi f'dan l-istadju) jitlob umilment li s-sentenza tal-Onor Qorti Ċivili Prim'Awla tiġi ikkonfermata in toto, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta' appellanti u bl-imgħax legali.«

11. Dwar l-argument tal-attur illi din il-qorti "ma tiddisturbax l-apprezzament ta' provi" magħmul minn qorti tal-ewwel grad, biżżejjed li jiġi riprodott dak li osservat din il-qorti fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2018 fl-ismijiet Antoinette Cutajar *v.* Prim'Ministru *et*:

»Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet *viva voce* qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.«

12. Wara li fliet l-atti kollha proċesswali, din il-qorti hija tal-fehma illi jeżistu raġunijiet serji biżżejjed sabiex tiddipartixxi mill-konklużjonijiet li waslet għalihom l-ewwel qorti.

13. Il-provi li tressqu mis-soċjeta' appellanti juru b'mod ċar illi l-ħsarat li ġarrbet il-vettura tal-attur ma setgħux seħħew bil-mod kif stqarr l-attur matul l-andament ta' dawn il-proċeduri u dan minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

14. Fl-ewwel lok, jeżistu diversi inkonsistenzi, anke fil-provi li ressaq l-attur appellat stess, dwar il-mod ta' kif seħħ l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni.

15. Fir-rapport diriġit mill-*warden* dakinhar tal-inċident l-attur, a *tempo vergine*, stqarr mal-imsemmi uffiċjal illi baqa' dieħel ġo bieb ta' garaxx u bieb ieħor. Hu qal hekk:

> »Xhud: Kont għaddej dritt ġiet vettura mid-direzzjoni opposta b'saħħitha tilifli il-kontrol u bqajt dieħel ġol-bieb tal-garage u bieb ieħor.» [1]

16. Madanakollu, fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu l-attur appellat ġibed l-attenzjoni ta' din il-qorti għax-xhieda tiegħu mogħtija quddiem l-ewwel qorti fejn qal illi dakinhar li seħħ l-inċident ma daħalx "fil-bieb dirett" għaliex kieku baqa' dieħel fil-ħanut ġewwa. [2]

17. Fil-fatt, fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontro-eżami tas-6 ta' Marzu 2014 l-attur dejjem sostna li malli ntebaħ li kien hemm vettura oħra ġejja mid-direzzjoni opposta fuq in-naħa l-ħażina tat-triq huwa kiser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu u l-vettura tiegħu l-ewwel daħlet direttament ġol-ħajt u sussegwentement ħabtet ma' bieb tal-garaxx b'kulur ħadrani. Fl-imsemmi xhieda tiegħu hu qal hekk:

> »Xhud: Kienet karozza bajda, dan bid-dawl u ma nafx x'inhi, kif daret eżatt u ħarġet minn kważi fuq sajdi, tfixkilt u ġibt il-ħajt.
>
> »...
>
> »Xhud: Jien ħiereġ minn hawn u din ġiet minn hawn, ara Sur Imħallef, qabad u dar lejja, ħassadni u ġbit lejn il-ħajt.
>
> »...

[1] Ara fol. 114 tal-proċess. Ara wkoll fol. 123 tal-proċess.
[2] Ara fol. 370 tal-proċess.

»Xhud: Jiena ġbidt lejn il-ħajt, skapolajtu lilu, u hu baqa sejjer, lanqas biss waqaf.

»...

»Xhud: ... imma mbagħad meta fixkilni, jien dort għal fuq il-ħajt u l-bieb.

»...

»Xhud: Ħajt u bieb, il-ħajt l-ewwel.» [3]

18. Fir-rapport tiegħu tal-20 ta' April 2008 kif ukoll fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontro-eżami fl-1 ta' Marzu 2012 is-*surveyor* tal-attur appellat – is-Sur Joseph Zammit – min-naħa l-oħra dejjem stqarr illi l-vettura tal-attur baqgħet dieħla direttament ġol-bieb tal-garaxx b'kulur ħadrani u qatt ma semma li l-imsemmija vettura tal-attur daħlet l-ewwel ġol-ħajt. [4]

19. Fir-rapport tiegħu tal-20 ta' April 2008 huwa stqarr illi l-ħsara estensiva fuq il-partijiet frontali tal-vettura tal-attur, l-aktar fuq in-naħa tal-lemin, "tidher li ġiet ikkaġunata b'daqqa soda mhux ma' xi vettura oħra imma ma' xi ħaġa iebsa li kellha kulur ħadrani..." [5] L-istess *surveyor* kompla jfisser hekk dwar d-danni li ġarrbet il-vettura tal-attur fl-imsemmi rapport tiegħu:

»Mr. Caruana s-sid tal-Mercedes fisser lis-sottoskritt li din il-ħsara ġiet ikkaġunata fis-26 ta' Ottubru 2006 f'xi nofs il-lejl meta kien isuq ġo Cross Road il-Marsa u daħal ġo Fishermen Street għan-niżla u meta kien wasal biex joħroġ ġo Timber Wharf, qal li karozza oħra daħlet wrong way għal ġo triq is-Sajjieda (Fishermen street), fejn spjega li huwa waqt li kien qed isuq il-Mercedes għamel manuvra biex ma jaħbatx ma' dik il-karozza u mar fuq in-naħa l-oħra tat-triq lejn il-lemin u rikeb il-bankina u baqa' dieħel fuq quddiem ġo bieb ta' garage numru 3 li għandu l-bieb tal-metall miżbugħ kulur aħdar li huwa proprjeta' ta' Caruana magħruf bħala JAP, fejn ġiet ikkaġunata il-ħsara hekk spjegata.

---

[3] Ara *foll.* 348, 350, 351, 352, 354 tal-proċess.
[4] Ara fol. 273 tal-proċess.
[5] Ara fol. 48 tal-proċess.

»Illi sabiex is-sottoskritt jikkonforma l-verżjoni ta' sid u sewwieq, fit-8 ta' Lulju, 2007 flimkien mall-istess sewwieq u sid il-karozza Mercedes żamm aċċess fuq il-post spjegat lilu fejn ġara l-allegat inċident. Fit-tarf nett ta' Fishermen Street, qabel ma tisporġi ġo Timber Wharf il-Marsa, fejn kompla spjega fuq il-post rigwardanti l-manuvra li kellu jagħmel biex jevita li ma jaħbatx mall-karozza li daret wrong way meta daret minn Timber Wharf għal ġot-triq is-Sajjieda fejn ħdejn il-parti spjegata tinsab wisa' bl-istess manuvra il-Mercedes daret fuq in-naħa tal-lemin, ġiet bil-quddiem iħares 'l fuq u marret fuq in-naħa tal-lemin, rikbet il-bankina bir-rota tal-lemin, liema bankina għandha kurdun għoli biss madwar erba' pulzieri, qasmet il-bankina u daħlet bil-quddiem (front corner) ġol-bieb tal-garage numru 3 imsemmi.» [6]

20. Fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontro-eżami fl-1 ta' Marzu 2012 is-Sur Joseph Zammit imbagħad qal hekk:

»Xhud: ... ... ... Dana qalli kien nieżel minn Fisherman Street biex joħroġ ġo Timber Wharf, karozza oħra ġejja wrong side daret minn quddiemu u biex jevita' qal, illi kellu jagħmel manuvra, biex ma jaħbatx mal-karozza għamel u-turn u baqa' dieħel ġo Fisherman Street u ġie dirett ġol-bieb.

»...

»Xhud: ... ... l-vettura ħabtet mal-bieb.

»...

»Xhud: Spiċċa li dar u rikeb il-bankina u baqa' dieħel ġol-bieb tal-garaxx ġa għidtlek.

»...

»Xhud: L-ewwel bil-lemin meta daret ħabtet bix-xellug ukoll.

»...

»Xhud: Infaqgħet il-bieba, l-ewwel tebqa' tax-xellug mal-koxxa, dik intefet 'il ġewwa, infetħet u l-parti l-oħra li ħabtet magħha, tan-nofs iffurmat sħiħa li daħlet hawnhekk fuq ix-xellug.

»...

»Xhud: Dażgur għax inti għandek daqqa, għandek daqqa, għandek ir-rikba tal-bankina, għandek skoss kbir imbagħad ir-rota ħabtet mal-bieb kif ġa fissirt hu.» [7]

21. Il-provi li tressqu mill-attur appellat għalhekk ma jurux b'mod ċar kif il-vettura tiegħu ġarrbet dawk il-ħsarat estensivi li jidhru fir-ritratti li

[6] Ara *foll.* 51, 52 tal-proċess.
[7] Ara *foll.* 270, 272, 273, 279 tal-proċess.

jinsabu a *foll.* 86 sa 89 tal-proċess. Kif intwera aktar 'il fuq jeżistu inkonsistenzi dwar kif seħħ l-allegat inċident anke bejn l-attur appellat u s-surveyor tiegħu s-Sur Joseph Zammit. Min-naħa l-oħra, l-provi tas-soċjeta' appellanti juru b'mod ċar illi l-vettura tal-attur appellat ma setgħetx ġarrbet dawk il-ħsarat kif sostna l-attur appellat. Il-ħsara li kien hemm kemm mal-ħajt hawn fuq imsemmi kif ukoll fuq il-bieb tal-garaxx ma jikkorrespondux mal-ħsara li ġarrbet il-vettura tal-attur.

*22.* Fit-tieni lok, għalkemm fir-rapport tiegħu s-*surveyor* li qabbad l-attur appellat tenna darba darbtejn illi "meta tqabbel il-ħsara li tinsab fuq il-parti frontali tal-Mercedes issib li hija komparabbli mal-ħsara li ġarrab il-bieb tal-imsemmi garage" [8] fl-istess rapport tiegħu qal ukoll illi l-ħsara fuq it-tebqa tal-imsemmi bieb tal-garaxx diġa' kienet ġiet irranġata meta mar fuq il-post tal-inċident biex jeżamina kif, fil-fatt, seħħ l-inċident. [9] Dan ifisser illi b'differenza għall-esperti tekniċi li tqabbdu mis-soċjeta' appellanti, l-imsemmi *surveyor* qatt ma ra b'għajnejh il-ħsara li ġarrab l-imsemmi bieb tal-garaxx u għalhekk il-mistoqsija li ssaqsi din il-qorti hija din: kif seta' s-Sur Joseph Zammit jikkonferma illi d-danni fuq l-imsemmi bieb tal-garaxx huma kompatibbli mad-danni li sofriet il-vettura tal-attur jekk lanqas biss ra l-imsemmi bieb tal-garaxx fl-istat li kien qabel ma tranġa? Kif seta', l-istess surveyor, itenni li "il-bieb kien imbewwaq," [10] li "il-bieb kważi

---

[8] Ara fol. 53 tal-proċess. Ara wkoll fol. 55 tal-proċess.
[9] Ara fol. 55 tal-proċess.
[10] Ara fol. 356 tal-proċess.

nfetaħ" [11] meta lanqas kien rah fl-istat li kien wara l-allegat inċident? Ir-ritratti li jinsabu a *foll.* 109 sa 111 bl-ebda mod ma juru li l-bieb tal-garaxx kien sfronda 'l ġewwa jew li kważi nfetaħ bl-impatt tal-vettura tal-attur kif jallega wkoll l-istess attur fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontro-eżami fis-6 ta' Marzu 2014. [12] Fix-xhieda tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2012 ix-xhud indipendenti Norbert Bezzina – li joqgħod fil-viċinanzi tal-post fejn allegatament seħħ l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni – fil-fatt ma qalx li l-bieb kważi nfetaħ mal-impatt tal-vettura tal-attur iżda qal biss li l-bieb "*kien jidher tikka żgħira mdaħħal 'l ġewwa...*" [13]

23. Barra minn hekk, fix-xhieda mogħtija minnu in kontro-eżami fl-1 ta' Marzu 2012 l-istess Joseph Zammit jikkonferma bil-ġurament illi l-bieb tal-garaxx li ġie muri mill-attur qabel ma ddireġa r-rapport tiegħu ma kienx il-bieb li l-vettura tal-attur ħabtet ġo fih dakinhar tal-inċident. Fix-xhieda tiegħu hawn fuq imsemmija s-Sur Joseph Zammit qal hekk:

> »Avukat: Ħa nurik ritratti li ġew eżebiti minn Gasan Mamo Insurance, minn rappreżentant ta' Gasan Mamo Insurance. Hemmhekk il-bieb ma jidhirx.
>
> »...
>
> »Xhud: Le, le, imma dan mhux l-istess bieb, Sur Imħallef.
>
> »Qorti: Mhux l-istess bieb li rajt?
>
> »Xhud: No, no mhux l-istess għax dak hemm bibieb oħra simili.
>
> »Qorti: Le, le inti qed tgħid li dak ma huwiex il-bieb li ħadek quddiemu l-attur?

[11] Ara fol. 356 tal-proċess. Ara wkoll *foll.* 269. 274 tal-proċess.
[12] Ara *foll.* 356, 357 tal-proċess.
[13] Ara fol. 309 tal-proċess.

»Xhud: Il-bieb li rajt jiena, l-parti t'isfel miżbuha bajda, l-undercoat hu. Dan ma huwiex miżbuħ.

»Qorti: Hemmhekk f'dawk ir-ritratti, Dottoressa, jidher xi numru ta' bieb?

»Avukat: Il-bieb li ġie involut fl-allegat inċident huwa number fourt (4).

»Qorti: Ok.

»Dr. Alessia Zammit Mckeon: Iġifieri inti rajt in-number three (3)?

»Xhud: Number three (3).

»Avukat: Ok. » [14]

24. Il-fatt li l-imsemmi *surveyor* li tqabbad mill-attur għamel dikjarazzjonijiet bħal dawn mingħajr ma' qatt rah il-bieb tal-garaxx hawn fuq imsemmi fl-istat li kien wara li seħħ l-inċident iqajjem dubji serji, f'għajnejn din il-qorti, dwar il-kredibbilta' tax-xhieda tiegħu.

25. Fit-tielet lok, l-esperti tekniċi mqabbdin mis-soċjeta' appellanti kollha kemm huma kkonfermaw li d-danni li sofriet il-vettura tal-attur m'humiex kompatibbli mal-ħsara li sofra l-bieb tal-garaxx mertu tal-proċeduri odjerni.

26. Fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem l-ewwel qorti tas-17 ta' Ġunju 2010 is-Sur Mark Micallef – *Motor Vehicle Surveyor* tas-soċjeta' appellanti li kien aċċeda fuq il-post tal-inċident l-għada meta allegatament seħħ l-istess inċident - qal hekk dwar dan:

»Xhud: Għax l-inċidenti li jidhru fuq il-karozza, jidhru li qatt ma setgħu ġraw f'kolp wieħed.

»Avukat: Għal-liema raġuni sur Micallef?

»Xhud: L-inċident tan-naħa tal-lemin għal li hemm fuq ix-xellug huwa impatt totalment differenti. Wieħed dan qisu daħal ġo xi lamp post jew arblu fuq in-naħa tax-xellug quddiem u l-ieħor tan-naħa tal-lemin jidher

---

[14] Ara *foll*. 274, 275 tal-proċess.

li hemm qisha tkaxkira. In-naħa ta' wara jidher li hemm daqqa oħra li jiġifieri ma setgħetx kienet relatata ma quddiem.

»...

»Xhud: Meta qed nħarsu lejn ir-ritratt li juri l-faċċata tal-karozza, jidher ċarament li d-daqqa li hawn fuq in-naħa tax-xellug tal-kantuniera għal li hemm tan-naħa tal-ħajt, mhumiex kompatibbli jiġifieri huma 2 inċidenti separati.

»Avukat: Għalfejn qed tatribwixxi din id-daqqa għal daqqa, int għidt ma' lamp post?

»Xhud: Għax kif tidher, qiegħda l-forma tal-impatt tagħha qed naraha f'shape li ħabtet ma' xi ħaġa jew pole hekk. Imma mhux ħajt jew karozza oħra.

»Avukat: Għaliex kieku kien ħajt jew karozza oħra l-impatt kif kien ikun?

»Xhud: L-impatt kien ikun iktar ċatt mhux sharp kif inhu hawnhekk.

»...

»Xhud: Iva, għax fuq il-post inżilt mall-kollega tiegħi, Cortis u biex naraw il-ħsara kenitx tagħmel sens u l-konklużjonijiet tiegħi li bid-danni li saru fuq il-bieb li rajt il-Marsa fuq il-post, ma setgħetx sar dak it-tip ta' ħsara. Ukoll it-tire kien mifqugħ u l-bankina kienet baxxa wkoll.

»...

»Xhud: B'dik it-tip ta' daqqa, iġifieri, insib li b'daqqa bħal dik, il-bieb ikun kważi sfronda ruħu l-ġewwa.

»...

»Xhud: Il-bieb kien tal-ħadid. Kien pjanċa u nfurzat bis-sezzjonijiet wara.

»...

»Xhud: Jekk ma jisfrondax ruħu ġewwa jew ħa tiċċarrat il-pjanċa.

»...

»Xhud: Tkun telgħet xi central strip. Jien qed nitkellem b'esperjenza li meta tyre bħal dak jinqala' minn ma' rim, ikun jew tela' paviment għoli jew central strip. Dawn mhux se jinqala' bil-bankina li mort naraha jien għax kienet baxxa ħafna.» [15]

27. Is-Sur Joseph Cortis – li, bħal Mark Micallef, mar fuq il-post tal-allegat inċident fis-27 t'Ottubru 2006 – ukoll ikkonferma illi "l-ħsara

[15] Ara *foll.* 180, 182, 183, 186, 187 tal-proċess.

tal-garaxx kienet baxxa komparata mad-danni li kien hemm fuq il-Mercedes...” Fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-17 ta’ Ġunju 2010 żied jgħid hekk:

> »Xhud: B’dik it-tip ta’ daqqa, iġifieri, insib li b’daqqa bħal dik, il-bieb ikun kważi sfronda ruħu l-ġewwa.
>
> »...
>
> »Xhud: Jekk ma jisfrondax ruħu ġewwa jew ħa tiċċarrat il-pjanċa.
>
> »...
>
> »Xhud: ... ... ... iġifieri qed inqisu Mercedes E-Class, karozza ta’ ċertu struttura, ta’ ċertu piż u toqol, above average minn karozza normali. Qed nitkellmu fuq karozza high end, iġġorr piż iktar minn karozza normali allura għandha iktar momentum u l-plus l-ħsara li għandha fuqha hija estensiva, meta tqis dawn il-fatturi u tara l-ħsara fuq il-garaxx, tgħid dawn ma jistax ikun li huma l-istess. Ma jikkorrespondux.
>
> »...
>
> »Xhud: Hawnhekk qed nara l-maġġur parti tal-ħsara hi mpatt frontali. Din it-tip ta’ daqqa, il-bieb ta’ garaxx kien jibqa’ dieħel ġewwa. Jifqgħu kompletament. Fil-fatt il-ħsara li kien hemm mall-garaxx kien il-ħsara mill-ġenb, bħal meta tħakkek mal-ġenb u hawnhekk għandek ħsara ħafna iktar b’impatt ħafna ikbar.» [16]

28. L-espert li tqabbad mill-attur appellat stess – is-Sur Philip Zammit – ikkonferma li l-ħsarat li ġarrbet il-vettura tal-attur ma jikkorrespondux mad-danni li kien hemm fuq il-post fejn allegatament seħħ l-inċident. Dwar dan xehed hekk fis-seduta tal-ewwel qorti tat-18 ta’ Novembru 2009:

> »Philip Zammit: Din kellha daqqa estensiva fuq quddiem u right hand side.
>
> »...
>
> »Philip Zammit: Ifhimni fuq quddiem u right side … .
>
> »...

[16] Ara *foll*. 186, 191 tal-proċess.

»Philip Zammit: ... ... Jien ma jidhirlix illi s-Sur Caruana kien indikali xi ħsarat oħra fuq wara jew anywhere else, jiġifieri fuq quddiem u right side.

»...

»Philip Zammit: Le quddiem u l-ġenb tal-lemin...

»...

»Philip Zammit: Mela morna l-Marsa jiena u hu għax l-Avukat tiegħu, dejjem fuq it-telefon jekk kien l-avukat tiegħu għax jien il-Dr Stafrace qed nara ġdida hawnhekk, jiġifieri ma kinetx hi, kien avukat ieħor meta ċempilli. Qalli illi mar-rapport jixtieq iżid li d-damages kollha li hemm fuq il-karozza saru fil-ħabta li kienet saret il-Marsa. Għidlu illi biex inniżżel dik jiena irrid immur nara l-post fejn ħabtet, għax ma nistax inniżżel fuq ir-rapport mingħajr ma nara x'hemm, qed tifhimni? Jiena ftehmt mas-Sur Caruana, morna l-Marsa fejn hu allegat li sar l-inċident, rajt l-affarijiet li kelli nara u kont staqsejt, għidtlu kif sar l-inċident? Qalli għax ħarġitli karozza u tlift il-kontroll... Pero jiena as such ma stajtx insib l-ebda ndikazzjoni fejn seħħ dan l-inċident. Kien hemm barxa mal-ħajt biss pero barxa mal-ħajt ma tagħmilx il-ħsarat illi kellha din il-karozza, qed tifhimni, imma għalhekk jiena mbagħad bqajt ninsisti biex ma nniżżilx dik il-biċċa fuq ir-rapport tiegħi. Indikazzjoni ma stajtx insib.

»...

»Philip Zammit: Ifhimni, jiena ma nafx meta seħħ dan l-inċident, pero jiena mort xi xahar wara li għamilna dan ir-rapport

»...

»Philip Zammit: Ma dak li qed nara jien, ma stajtx inqabbilhom.» [17]

29. Għalkemm tqabbad perit tekniku mill-ewwel qorti – il-perit Natalino Agius – dan fl-ebda mument ma kkonferma li l-ħsarat li ġarrbet il-vettura tal-attur setgħu ġraw f'inċident wieħed u lanqas ma kkonferma li l-ħsarat fuq l-imsemmija vettura jikkorrespondu mal-ħsara li kien hemm fuq il-ħajt u fuq il-bieb tal-garaxx fil-post fejn seħħ l-inċident. [18]

30. L-esperti tekniċi li tqabbdu mis-soċjeta' appellanti wkoll ikkonfermaw illi l-vettura tal-attur appellat ma setgħetx ġarrbet il-ħsara li kien

[17] Ara *foll*. 155 sa 157 tal-proċess.
[18] Ara fol. 79 tal-proċess.

hemm fuq quddiem fuq in-naħa tax-xellug tagħha meta allegatament seħħ l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni. Fix-xhieda tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 is-Sur Joseph Cortis qal hekk dwar dawn il-ħsarat:

> »Xhud: ... ... ... Fuq in-naħa tax-xellug jidher li hemm a very sharp daqqa t'arblu. Il-forma tagħha, infatti fir-ritratt MM2, tidher il-forma ta' xi ħaġa fit-tond, tip ta' arblu.» [19]

31. Fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem l-ewwel qorti fid-9 ta' Novembru 2011 il-*forensic collision analyst* Mario Buttigieg li tqabbad mis-soċjeta' appellanti wkoll ikkonferma illi "il-ħsara li hemm on the left hand side m'għanda x'taqsam xejn ... mal-allegat ħabta li kien hemm ġol-ħajt..." [20]

32. Fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem l-ewwel qorti fis-17 ta' Ġunju 2010 is-Sur Mark Micallef qal illi "l-inċident tan-naħa tal-lemin għal li hemm fuq ix-xellug huwa impatt totalment differenti. Wieħed dan qisu daħal ġo xi lamp post jew arblu fuq in-naħa tax-xellug quddiem u l-ieħor tan-naħa tal-lemin jidher li hemm qisha tkaxkira..." [21]

33. Għalkemm, fir-relazzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009, l-espert tekniku mqabbad mill-ewwel qorti – il-Perit Natalino Agius – ma kkummentax b'mod ċar dwar jekk il-ħsara li ġarrbet il-vettura tal-attur fuq in-naħa tax-xellug setgħetx ġrat fl-istess inċident fejn l-istess vettura ġarrbet ukoll ħsara estensiva fuq in-naħa tal-lemin tagħha, qal hekk dwar il-ħsara li kien hemm fuq quddiem fuq in-naħa tax-xufier tal-vettura:

---

[19] Ara fol. 192 tal-proċess.
[20] Ara fol. 254 tal-proċess.
[21] Ara fol. 180 tal-proċess. Ara wkoll fol, 182 tal-proċess.

»Il-vettura tidher illi apparti l-impatt fuq il-lemin in-naħa ta' quddiem, kienet involuta ukoll f'impatt fuq quddiem in-naħa tax-xellug. Jidher li l-impatt tax-xellug kien ma' xi ħaġa dejqa tipo arblu, siġra jew koxxa ta' bieb. Dan ħalla l-forma fil-pjanċi. Dan l-impatt affettwa l-bonnet, il-mud guard tax-xellug, il-parti ta' quddiem tax-xażi tax-xellug u l-faċċata.» [22]

34. Il-konklużjoni li wasal għaliha l-perit tekniku f'dan ir-rigward għalhekk taqbel ma' dik li wasslu għaliha l-esperti tekniċi mqabbdin mis-soċjeta' appellanti.

35. Fir-raba' lok, il-ħsara li kien hemm fuq il-*windscreen* tal-vettura tal-attur appellat ukoll ma tidhirx li ġiet ikkawżata mill-*airbags* li ħarġu mal-impatt kif isostni l-attur. [23] Fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2010 is-Sur Joseph Cortis ikkonferma illi "fuq in-naħa tax-xellug jidher li hemm a very sharp daqqa t'arblu. Il-forma tagħha, infatti fir-ritratt MM2, tidher il-forma ta' xi ħaġa fit-tond, tip ta' arblu ..." [24] Kompla jgħid hekk dwar dawn il-ħsarat:

»Xhud: Il-ħsara tal-windscreen, it-tip ta' ħsara hija spherical mhux krakkjatura jiġifieri ġieli jkun hemm ħsara meta joħroġ l-air bag jinfaqa' l-wind screen pero' apparti minn hekk din tidher li hemm impatt dirett f'xi ħaġa fit-tond u barra minn hekk tidher li ġejja minn barra għal ġewwa. Kien hemm ritratt minnhom naħseb, ikun jidher li l-wind screen ikun mifqugħ minn barra għal ġewwa u mhux min ġewwa għal barra.

»Qorti: Ix-xhud qed jirreferi għad-dokument MM2 fil-parti t'isfel.

»...

»Xhud: Ifisser li hawnhekk qed issir, mill-esperjenza, ngħidu meta kien hemm impatt ma' arblu u seta' kien hemm xi ħaġa mwaħħla fuq dan l-arblu li taret għal fuq il-wind screen.

»...

»Xhud: Minn barra għal ġewwa! U frontali għax dirett.

»...

---

[22] Ara fol. 81 tal-proċess.
[23] Ara r-ritratti li jinsabu a *foll*. 57, 58, 174 tal-proċess.
[24] Ara fol. 192 tal-proċess.

»Xhud: L-air bag meta jinfetaħ il-lid tal-passiġġier ma jagħmilx dan it-tip ta' ħsara jiġifieri jista' jkun li jikrakkja imma bil-ħsara kif inhu jidher li hemm impatt dirett b'xi ħaġa ta' ċertu toqol. Il-lid once li jinfetaħ se jaħbat mall-wind screen, ikun hemm okkażżjonijiet fejn jikrakkjah il-wind screen imma l-ħsara tibqa' hemm. Hawnhekk hawn impatt kbir iġifieri mhux li jiġi kkaġunat bl-air bag lid biss.» [25]

36. Is-Sur Mark Micallef ukoll qabel ma dak li kkonstata s-Sur Joseph Cortis dwar il-ħsara li kien hemm fuq il-*windscreen* tal-vettura tal-attur appellat. Fix-xhieda tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 qal hekk dwar din il-ħsara:

»Xhud: Innutajt il-windscreen. Il-windscreen tagħha jidher, il-ħġieġ qiegħed, id-daqqa qiegħda minn barra għal ġewwa li jindika li ma setax ġara b'inċident la ta' passiġġier u lanqas t'air bag imma jew waqa' xi ħaġa meta ħabtet ma' quddiem. Id-daqqa tidher li l-ħġieġa qiegħda in a concave shape.» [26]

37. Fil-ħames lok, il-presenza ta' sadid ftit jiem wara li allegatament seħħ l-inċident tkompli tikkonferma t-teżi tas-soċjeta' appellanti illi l-ħsara li ġarrbet il-vettura tal-attur appellat ma setgħetx seħħet bil-mod kif stqarr l-istess attur appellat u lanqas ma setgħet irriżultat, kollha kemm hi, fis-26 ta' Ottubru 2006.[27]

38. Wara li qieset dawn il-fatturi kollha, din il-qorti taqbel mas-soċjeta' appellanti illi l-attur assikurat ressaq magħha *claim*' li ma kinetx valida, tajba u konformi mal-obbligi kontrattwali tiegħu bħala assikurat. Peress li mill-provi prodotti rriżulta li d-danni estensivi li ġarrbet il-vettura tal-attur appellat qatt ma setgħu ġraw bil-mod kif stqarr l-istess attur appellat matul l-andament tal-proċeduri odjerni – anzi kien impossibbli li din il-vettura ġġarrab l-imsemmijin ħsarat b'dak il-mod – din il-qorti hija tal-fehma illi s-soċjeta' appellanti

---

[25] Ara *foll.* 194, 195 tal-proċess.
[26] Ara fol. 182 tal-proċess.
[27] Ara *foll*. 183, 192, 254 tal-proċess.

rnexxielha tipprova illi l-*claim* kif imressqa mill-attur appellat hija għal kollox fabbrikata. Dan il-fatt waħdu – li rriżulta ampjament mill-provi prodotti – huwa biżżejjed, fil-fehma ta' din il-qorti, sabiex it-talbiet tal-attur jiġu miċħuda. M'huwiex ukoll meħtieġ li s-soċjeta' appellanti tressaq provi oħra li juru li "l-karozza tal-attur kienet tkissret f'inċident ieħor qabel dakinhar" u "kif allura l-karozza nstabet fejn instabet meta ssejjaħ il-warden u fassal ir-rapport u l-iskizz tal-inċident." Lanqas, fil-fehma ta' din il-qorti, m'huwa meħtieġ li s-soċjeta' appellanti tipprova kif il-vettura tal-attur appellat inġarret sa fuq il-post.

39. L-ewwel qorti, wara kollox, ukoll kienet tal-fehma illi x-xhieda u r-rapporti tekniċi li ressqet is-soċjeta' appellanti "jitfgħu dubji qawwija fuq kif qatt seta' ġara l-inċident kif spjegat mill-attur meta mqabbel mal-ħsarat imġarrba mill-vettura." [28] Qalet ukoll illi ċ-ċirkostanzi msemmijin mis-soċjeta' appellanti "huma ċirkostanzi li ma jgħinux biex jagħmlu ċara l-verżjoni tal-attur" u li "l-attur ma weġibx suffiċjentement dwar kif ġarrbet ċertu danni l-vettura tiegħu." [29]

40. Għalkemm tassew illi l-vettura tal-attur ġarrbet ħsarat estensivi – kemm fuq quddiem fuq in-naħa tax-xellug kif ukoll fuq quddiem fuq in-naħa tal-lemin u wkoll fuq in-naħa ta' wara tal-vettura – lill-attur ma ma seħħlux ukoll juri li dawn il-ħsarat seħħew fl-inċident li dwaru saret il-kawża. Anzi, kif ingħad aktar 'l fuq, il-provi juru li dawn il-ħsarat ma setgħux seħħew kif jallega l-attur.

[28] Ara paġna 10 tas-sentenza appellata.
[29] Ara paġna 10 tas-sentenza appellata.

41. Għaldaqstant, u billi ma ntweriex illi l-ħsarat hawn fuq imsemmijin fuq il-vettura tal-attur appellat huma koperti taħt il-polza ta' assikurazzjoni mas-soċjeta' appellanti, l-appell tal-istess soċjeta' appellanti għandu jintlaqa'.

42. Għalkemm il-konsiderazzjonijiet magħmula fuq huma biżżejjed biex joħolqu konvinċiment morali illi t-teżi tal-attur hija falza, u illi t-talba tiegħu għal riżarċiment ma jistħoqqilhiex illi tintlaqa', il-qorti għall-kompletezza, u *in vista* tal-aggravju tal-konvenuta dwar il-grad ta' prova meħtieġ f'każ bħal dan, tosserva illi f'materja ċivili l-grad ta' prova huwa dejjem dak li jkun biżżejjed biex b'konvinċiment morali tista' tgħid illi dak allegat, x'aktarx iva milli le, seħħ. Naturalment, jekk dak li allegatament seħħ huwa xi ħaġa li, normalment, aktar ma seħħx milli sseħħ, il-provi meħtieġa biex tasal għall-konveniċment illi dik il-ħaġa seħħet ikunu aktar qawwijin milli kienu jkunu li kieku l-ħaġa, normalment, aktar isseħħ milli ma sseħħx. Madankollu, il-grad ta' prova dejjem jibqa' dak meħtieġ biex il-ġudikant jista' b'serenità jasal għall-konvinċiment morali li l-ħaġa aktar iva milli le seħħet. Xi jkunu dawk il-provi jiddependi mbagħad fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-każ tallum din il-qorti b'serenità tista' tgħid illi, wara li qieset il-provi mressqa mill-partijiet, għandha l-konvinċiment morali li l-inċident ma seħħx kif qal l-attur, u li l-ħsarat li għandha l-vettura tiegħu ma seħħewx fl-inċident li dwaru saret il-kawża.

43. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet mogħtija, din il-qorti tilqa' l-appell tas-soċjeta' appellanti, tħassar is-sentenza appellata tal-ewwel qorti

tas-16 ta' Diċembru 2015 *in toto*, u, minflok, tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tiċħad it-talbiet tal-attur.

44. L-ispejjeż kollha, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta' dan l-appell, iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da